Marzu 2007 • Vol 14 • Nru.1

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



## *Fil-Paġni ta' ġewwa*

- Intervista mal-familjari tal-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo
- Għoti ta' Ċertifikati ta' Kommendazzjoni
- Żjara Uffiċjali tal-President ta' Malta fl-Akkademja tal-Pulizija
- Il-Pulizija għandhom bżonn għajnuna

*u aktar...*

**Newspaper Post**


Building Strong Relationships...
BUZDOV
DEVELOPMENTS LTD.
Civil Engineering Contractors
'Stella Maris', Triq Il-Gubilew Tad-Djamanti, Mqabba
Tel/Fax: 21 641793 Mobile: 79424724, 79426471 E-mail: info@buzdov.com
WWW.BUZDOV.COM

Marzu 2007 • Vol 14 • Nru.1

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

5 Talbiet għal re-organizazzjoni mill-M.P.A.

9 Intervista mal-familjari tal-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo

13 Il-Kwerela (it-tieni Parti)

17 Il-Kelma tal-Kappillan

19 Drinn Drinn 11

21 Għoti ta' Ċertifikati ta' Kommendazzjoni

27 Żjara Uffiċjali tal-President ta' Malta fl-Akkademja tal-Pulizija

31 L-Importanza ta' Leadership skills fix-xogħol tal-Pulizija

32 Is-27 Kors Baziku ta' Taħrig għar-Rekluti fi ħdan il-Korp tal-Pulizija

34 Sapport Psikoloġiku lill-Uffiċjali tal-Pulizija.GHQ Circular no 178/06

36 L-Identity Card tal-Pulizija

39 L-esperjenza sabiħa li kelli din l-aħħar sena.

41 Ir-reat tat-telefonati anonimi

43 Mal-Medda taż-żmien (it-tieni parti)

44 Estinzjoni ta' l-Azzjoni Penali

46 Apprezzament

49 Qatt ma għandek taqta' qalbek!

50 Grazzi - PC1539 Michael Farrugia

51 Raġġ ta' dawl għal vittmi tal-kriminalita'

52 L-aqwa arma għal difiza personali

57 International Police Association

60 Għaqda Pulizija Pensjonanti

62 Il-Membri tal-Korp li mietu

Membri tal-Board Editorjali:
**President:** Insp Kenneth Haber
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 772 Dennis Agius
Wpc 255 Roberta Fenech
Pc 1155 Chris Mangion
Sur Alfred Debattista



**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bil-fors l-opinjoni tal-Board. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbgħat fl-indirizz hawn taħt: Editur "il-Pulizija" C.M.R.U. Police Headquarters Floriana CMR 02

**Ritratt:** Ritratt rebbieħ fil-kompetizzjoni tal-fotografija li saret ġewwa l-Ingilterra meħud mis-Sur Stephen Busuttil. It-tifel fir-ritratt huwa Aidan Dwight Mallia, iben L-Ispettur Stephen Mallia.

© C.M.R.U. Police Headquarters, Marzu 2007

# Editorjal

Merħba.

Bħala Bord qed nieħdu pjaċir li l-Magazine tagħna qed jiġi mfittex minnkom iktar minn qatt qabel. Dan juri li l-isforz li qiegħed isir sabiex ikollna rivista ta' kalibru qed jiġi apprezat.

Kellna kliem ta' tifħir li kemm bħala preżentazzjoni u materjal il-livell għola bil-bosta. Pero' dan kollu ma setgħax ikun possibbli kieku l-pedamenti ta' din ir-rivista ma kienux sodi. Is-suċċess huwa biss ta' dawk in-nies li tletin sena ilu ħarġu bl-idea li l-Korp tal-Pulizija jkollu rivista li twassal leħen il-Pulizja, kif ukoll sabiex iżżomm lil Pulizija infumati u aġġornati b'dak kollu li jkun għaddej.

Huma bosta l-Pulizija, kemm dawk attivi kif ukoll pensjonanti, li għandhom il-ħarġiet kollha. Ta' min jgħid ukoll li r-rivista tagħna hija mfittxija wkoll mill-pubbliku in ġenerali, xi ħaġa li tagħmlilna kburin. Dan bħala Bord iqawwilna qalbna sabiex inkomplu naħdmu iktar sabiex il-materjal imwassal lilkom ikun ta' l-għola livell.

Il-ħarġa li jmiss, dik ta' Ġunju, ħafna mill-materjal ser ikun iddedikat għat-tibdil li għadda minnu l-Magazine minn Mejju tas-sena 1977 sallum. Grazzi tmur lill-Edituri preċedenti tax-xogħol li għamlu.

Napprezaw li jekk hemm xi ħadd li għandu xi kopji doppji jgħaddihomlna. Sfortunatament ma nżammux il-kopji kollha tal-ħarġiet preċedenti u għalhekk kull għajnuna hija apprezzata.

Kif kulħadd jaf, il-Korp jorganizza l-Wirja tal-Mejda ta' l-Appostli, wirja li ssir kollha kemm hi minn kollegi tagħna u li llum il-ġurnata hija mfittxija minn bosta. Is-sagrifiċċji u d-dedikazzjoni sabiex wirja bħal din titella' huma kbar u ħafna. Għaldaqstant inħeġġukom sabiex tiġu mal-familji tagħkom u tapprezzaw dan ix-xogħol artistiku maħdum bl-ikbar reqqa' u abilta'. Il-Wirja ser tkun miftuħa bejn il-Gimgħa 30 ta' Marzu sat-8 ta' April, 2007.

Disinn u riklamar
**ABILITY PUBLICATIONS LTD.**
Tel: 21 241317, 27 241345 - Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar
**GUTENBERG PRESS - TARXIEN**

# La Valette **Multi Manager Property Fund**

Opportunities from VFM




## Build on **Solid Performance**

**Annualised Return**
**From 13 September 2005 to 3 January 2007**

**11.53%**

**Fund Size €60 Million**

The success of the La Valette Multi Manager Property Fund is reflected in the strong performance of 11.53%* that the Fund has delivered to its investors from launch on 13 September 2005 to 3 January 2007. The Fund has proven to be very popular with investors as is evidenced by its net asset value which exceeded €60 million (as at 3 January 2007).

Past performance is not necessarily a guide to future performance.

VALLETTA FUND MANAGEMENT

A Member of the BOV Bank of Valletta Group

Freephone **8007 2344**, BOV Branches in Malta and Gozo & Licensed Financial Intermediaries

*Annualised Return from launch on the 13 September 2005 to 3 January 2007. The Annualised Return is an indication of the average return of the Fund over one year. In view that the Fund distributes income, such Annualised Return is based on the share price prevailing on the 3 January 2007 and the reinvestment of income distribution (net of 15% withholding tax). Any sharp fluctuations in the performance of the Fund over a period of time are not necessarily represented by the Annualised Return indicated.

The value of the investment may fall as well as rise and currency fluctuations may affect the value of the investment. Investors are advised that real estate property is inherently subjective as regards value due to the individual nature of each property. Hence, there is no assurance that the valuations of the Fund's underlying investments will reflect the actual property value. Investment in the real estate property market is, by its nature, relatively illiquid and therefore, redemption requests may be deferred or suspended as more fully described in the Supplementary Prospectus. Investments should be based on the full details of the Supplementary Prospectus, which may be obtained from Valletta Fund Management Limited (VFM), Bank of Valletta Branches and other licensed financial intermediaries. The Fund is licensed by the MFSA as a Professional Investor Fund and may only be promoted to Experienced Investors. Professional Investor Funds (PIFs) are not subject to the restrictions on their investment or borrowing powers that retail schemes are normally subject to and the degree of risk to which they may be exposed makes them unsuitable for members of the general public. Hence, the protection normally arising as a result of the imposition of the MFSA's investment and borrowing restrictions and other requirements to retail schemes, do not apply to PIFs. VFM is licensed by the MFSA.

Issued by VFM, Level 6, The Mall Offices, The Mall, Floriana, FRN 1470. Tel: 21227311, Fax: 21234565, Email: infovfm@vfm.com.mt, Website: www.vfm.com.mt



PS 772 D. Aguis
Sezzjoni tal-Klieb

# Talbiet għal re-organizazzjoni mill-M.P.A.

Fil-Ħarġa tal-Magazine Settembru 2006, qrajt b'attenzjoni u aktar b'interess l-artiklu tas-Supt. Dr. Antoine Casha. Artiklu ta' min jixtarru sew, għaliex hu mimli verità, u naħseb li mhux għalxejn li l-MPA tilmenta minn apatija fost il-membri tal-Assoċjazzjoni.

Huwa kumment ġenerali li tisma' il-membri jilmentaw li l-MPA qiegħda hemm għalxejn u din ilhi nismagħha għal kważi dawn l-aħħar 20 sena żgur daqs kemm ili jien fil-Korp u żgur li aktar minn hekk ukoll. Dan huwa minnu ukoll għaliex hija verità li dak li tkun qed tagħmel l-MPA x-xogħol siewi mhux jasal għand il-membri tagħha.

Fl-artiklu inkiteb dwar ix-xift, tajjeb minn hawn insemmu li madwar tlett snin ilu l-MPA tablet lill-membri kif ukoll saret laqgħa mad-Detail Officers biex kull min irid jissottomett-ti lil MPA xi tip tà xift li għandu jiġi addottat wara ħafna snin tà xift li kien ilu hekk żgur għal dawn l-aħħar 30 sena. Kien il-Kuntistabbli 546 Mario Deguara stazzjonat ġewwa Ħaż-Żebbuġ li kien għamel rapport tà kif jista' jinbidel ix-xift. Naf li kienu ġew magħmula diversi tipi tà xifts, fosthom dak li ġie addottat li kienu ġew mgħoddija lil MPA u finalment lil Kummissarju. Xifts oħra li kienu ġew proponuti nistaw insemmu: Day /Night/ Rest/ Off, 1st / 2nd / Night/ Off, u 2nd /1st u Night / Rest / Off.

Tà min ukoll jinforma lil membri, li l-MPA dan l-aħħar qalet daqqa li inħasset mhux ftit meta l-ewwel kellha r-riżenja taċ-Chairman filwaqt li ftit taż-żmien wara waslet ukoll ir-riżenja tas-Segretarju, li fl-ittra tagħhom dawn talbu r-riżenja minħabba pressjoni familjari. Għalkemm personalment għandi dubji tiegħi dwar dan, minn dan l-artiklu nirringrazzjhom tax-xogħol utli li laħqu għamlu fi ħdan l-MPA filwaqt li l-awguri tiegħi jmorru għaċ-Chairman il-ġdid PC 527 Stephen Camilleri u wkoll għas-Segretarju l-ġdid PS 746 Geoffrey Attard McCarthy.

Qabel mà Malta daħlet membru fl-Unjoni Ewropea il-Korp tagħna ma kellu lil ħadd biex jikkomunika miegħu rigward xi tip t'Arranġament Kollettiv bħal dak li kien sar fl-1993. Iżda kien obligat mill-istess Unjoni li l-Korp ikollu xi forma ta' Kumitat li miegħu ikun jista' jiġi nnegozjat ftehim. Għalhekk intagħżel dak li llum hu magħruf bħala l-Police Negotiating Board, dan il-Bord hu magħmul minn Chairman, 4 Segretarji Permanenti mill-OPM, Ministeru ta' l-Intern, Ministeru tas-Sigurta' Soċjali, u mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, bħala Segretarju tal-Bord hemm il-Kmandant tal-Akkademja tal-Pulizija, u 4 membri tal-Assoċjazzjoni tagħna.

Wara l-ħatra tà dan il-Bord saru dawn il-laqgħat hekk kif ser insemmi: 11.10.2004, 03.05.2005, 15.07.2005, 14.12.2005, 17.02.2006, 28.04.2006 u 13.06.2006, fejn ġew magħmula diversi talbiet li ser jissemmew hawn taħt għal meljorament tal-membri tagħna. Pero' sal-lum jidher li t-talbiet tagħna qed ikunu tqal wisq u b'wiċċi minn quddiem ngħid, li ma sar l-ebda progress. U żgur dan ma kienx tort tal-MPA.

Il-kundizzjonijiet li ġew mitluba mhux xi ħaġa li tippermettielna li nitilgħu fil-qamar. Iżda huma kundizzjonijiet li bihom nersqu lejn kundizzjonijiet addottati għalina u biex nersqu viċin kollegi oħra ta' dik l-Unjoni li nagħmlu parti minnha illum.

Fir-rigward tan-numri 6, 7, 14, 15, 16, 17 u 19, dawn diga bdew jigu addotatti,grazzi għall-inizjattiva personali tal-Kummissarju tal-Pulizija.

**1)** Il-membri tal-Korp tal-Pulizija għandhom jiġu mċaqilqa mis-sistema tal-iskali taċ-Ċivil kif eżistenti. Minħabba fin-natura tax-xogħol tagħna aħna nħossu li għadna nkunu awtonomi u/jew ossija tiġi riveduta l-pożizzjoni ta' l-iskali tal-membri tal-Korp tal-Pulizija min kif inhi illum;

**2)** Is-sistema tà kif jingħataw l-incriments tiġi riveduta u mnaqqsa. Il-perjodu ta' snin sabiex wieħed jilħaq il-full payment jitnaqqas;

**3)** Il-membri tal-Korp apparti milli jieħdu ż-żieda fil-paga tal-għoli tal-ħajja, għandhom ukoll jingħataw żieda addizzjonali u dan għas-sempliċi raġuni illi x-xogħol tal-Pulizija huwa uniku, u ma jistax issir min ħaddieħor;

**4)** Wasal iż-żmien sabiex membri tal-Korp jibdew igawdu minn ġimgħa ta' xogħol tà 40 siegħa u dan anki kif igawdu membri kollegi tal-pajjiżi ewropej. Dan għandu jsir mingħajr ebda tnaqqis fis-salarju għaliex is-salarju preżenti huwa kkalkulat fuq ġimgħa tà 40 siegħa. Inoltre' tiġi rimedjata s-sitwazzjoni sabiex is-siegħat żejda maħduma aktar min 40 siegħa, jiġu kkumpensati bi ħlas xieraq.

**5)** Peress li l-membri tal-Korp huma l-uniċi ħaddiema li ma jistgħux jaħdmu part time job, dawn jiġu b'xi mod ikkumpensati. Tiġi ukoll riveduta r-rata tat-taxxa li jħallsu dawk l-istess membri tal-Korp li jaħdmu Extra Duty on Payment tibda titqies ukoll bħala part time work, kif ukoll

© 2007 KPMG a Maltese civil partnership and a member firm of the KPMG network of independent member firms affiliated with KPMG International, a Swiss cooperative. All rights reserved. KPMG and the KPMG logo are registered trademarks of KPMG International, a Swiss cooperative.

**How can KPMG Forensic help you?**

KPMG Forensic helps clients reduce reputation risk and commercial loss.

We do this by using accounting, investigation, intelligence, technology and industry skills to help clients present and resolve commercial disputes, fraud, and breaches of rules and regulations.

Joseph C. Schembri
KPMG
Portico Building
Marina Street
Pieta', PTA 4904

Tel: 2563 1000
Fax: 2566 1000

**Email:**
**kpmg@kpmg.com.mt**

**Website:**
**www.kpmg.com.mt**

AUDIT ▪ TAX ▪ ADVISORY

KPMG

li l-Extra Duty on Payment tibda titqies ukoll bħala active duty għal kull bonfini;

6) Wasal iż-żmien illi tiġi ntrodotta sistema ġdida ta kif jsiru l-ħlasijiet dovuti għal Extra Duty on Payment li jkun wettaq il-membru tal-Korp. Dan għandu jsir billi l-ħlas isir b'mod immedjat fi żmien qasir u b'mod garantit;

7) Il-membri tal-Korp tal-Pulizija jibdew igawdu mill-benefiċċju li jkunu jafu d-detail tagħhom min ġranet qabel u dan kif anke konna ġejna imwegħda formalment fl-1987. Inħossu wkoll illi wasal iż-żmien li jiġu aġġustati x-xifts preżenti.

8) Kull membru huwa ta' liema rank huwa, jibda jitħallas tas-siegħat żejda li jaħdem. L-Allowances kollha li jeżistu għandhom jiġu riveduti għażżminijiet tal-lum jew jsiru fuq bażi pro-rata;

9) Dawk il-membri kollha li jaħdmu fuq bażi ta' xift u minħabba wkoll illi l-ħajja tal-membri hija disturbata kompletament, dawn għandhom jibdew jibbenefikaw minn xift / disturbance allowance;.

10) Dawk il-membri kollha li għandhom xi segħna partikulari u li fil-fatt qed iwettqu dak ix-xogħol partikulari għandhom ukoll jibbenefikaw ukoll minn *allowance* speċjali li jkun rifless fil-paga tagħhom. Dawn għandhom ukoll jibbenefikaw minn *Danger Allowance* fejn is-sitwazzjoni tax-xogħol li jkunu qed iwettqu ikun ta' riskju għal saħħithom;

11) Fid-dawl tas-saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol għandu jkun maħtur Bord indipendenti, li jkollu l-fakulta' li jeżerċita' l-liġi fejn jirrigwardja lill-Korp u l-membri tiegħu;

12) Il-membri kollha tal-Korp għandhom ikunu assigurati b'xi forma ta' Assigurazzjoni (Health and Life Insurance) kemm waqt il-qadi ta' dmirijiethom kif ukoll minħabba fin-natura tax-xogħol tagħhom u saħansitra din għanda tkun ukoll tkopri il-propjeta' tagħhom;

13) Il-pensjoni li jispiċċa biha membru tal-Korp, wara li jkun għamel is-servizz ta' ħamsa u għoxrin sena, tibda tiżdied u tkun aġġustata, minn żmien għal żmien, skond il-valur tal-Lira Maltija, kif ukoll skond ir-rata ta' l-Inflazzjoni;

14) Fiż-żminijiet u ċ-ċirkustanzi tal-lum u minħabba fin-natura tax-xogħol tagħna, wasal iż-żmien li fi ħdan il-Korp jiġi ntrodott servizz ta' Councilling minn nies kompetenti u professjonali, fuq bażi regolari u mingħajr ebda ħlas;

15) Il-korp tal-Pulizija jkollu deskrizzjoni definit tax-xogħol ta' Pulizija ta kull rank (Job Describtion) kif ukoll tiġi spjegata l-frażi Esiġenza tas-Servizz (dan għandu jsir fuq bażi fejn is-sitwazzjoni tkun waħda trankwilla u normali u mhux f'sitwazzjonijiet estremi)

16) Tinbidel il-proċedura ta' kif jiġu mismugħa l-Proċeduri Dixxiplinari Sommarji, u fuq kollox jiġi ntrodott il-prinċipju ta' l-appell quddiem il-Bord tal-Pulizija;

17) Jeżisti xi xogħol partikulari li jista' ma jibqax isir mill-Pulizija, fosthom per eżempju:- skorti ma' priġunieri, Għassa ma' l-Iskejjel, Tqassim ta' Voti, Għeluq ta' toroq fil-festi parrokjali, ċerti *fixed points*, eċċ...;

18) Jibdew jiġu ngaġġati ex-membri tal-Korp tal-Pulizija għal xogħlijiet speċifiċi, bħal ngħidu aħna xogħol ta' l-uffiċini u telephone orderlies;

19) Fi ħdan il-Korp għandha tiġi ntrodotta sistema ta' reklutaġġ regolari. Dan fejn jirrigwardja ukoll promozzjonijiet, f'liema promozzjonijiet għadna wkoll tiġi riflessa s-sinjiority kif ukoll il-parir assolut tal-Kummissarju tal-Pulizija. Għandu wkoll jiġi ntrodott vot ġdid li jibda jiffinanzja programm ta' taħriġ regolari u professjonali. Inħossu wkoll illi meta rekluta jispiċċa b'suċċess il-kors fl-Akkademja tal-Pulizija, dan għandu jkun obbligat jagħmel l-ewwel tlett snin, ta' l-ingaġġ tiegħu, f'waħda mill-għasses distrettwali sabiex jibni esperjenza adegwata fil-qasam pulizjesk;

20) Bi dritt il-membri tal-Korp tal-Pulizija ikollhom id-dritt illi jissieħbu f'*Union* u mhux aktar f'Assoċjazzjoni, ovvjament dan għandu jsir b'ċerta restrizzjonijiet u kundizzjonijiet xierqa għal Korp iddixxiplinat. Il-maġġoranza tal-Pulizija Ewropea kollha jgawdu minn dan id-dritt fundamentali, li ukoll joħroġ ċar mid-drittijiet ta' l-*European Union Social Charter.* Għaldaqstant ġaladarba l-Gvern Malti għandu ma rratifikax dan it-trattat fejn jirrigwardja lill-Pulizija, aħna nitolbu li dan jiġi rratifikat sabiex fl-inqas żmien possibli nkunu nistgħu nwaqqfu l-Union tagħna u niġu konformi mal-kollegi tagħna Ewropej.

Is-suespost bl-ebda mod ma jirrestriġġi lill-Assoċjazzjoni milli tissottometti talbiet oħra ulterjuri fil-futur. L-Assoċjazzjoni tixtieq tissottometti illi kull proposta li dwarha jintlaħaq ftehim din għandha jkollha effett immedjat u ndefinit.

Dawn huma it-talbiet li l-Assocjazzjoni għamlet lil Police Negotiating Board wara l-ewwel laqgħa tagħha li saret. Kienu seba' punti msemmija aktar qabel li daħal għalihom il-Kummissarju biex attivhom u daħlu fis-seħħ dawn l-aħħar sentejn u ta' dan l-Assoċjazzjoni tinsab grata. Fil-laqgħat li jmiss l-Assoċjazzjoni ser tkompli tippersisti fuq il-bqija tal-punti l-oħra, kif ukoll xi punti oħra li mhux imniżżla f'dan il-pakkett pero li jistgħu ikunu ta' benfiċċju għal Korp.

Nisperaw li meta nerġgħu niltaqaw f'ħarġa oħra tal-*magazine* nkunu forsi f'pożizzjoni li nerġgħu ngħidu f'liema stadju wasalna.

# JB
DEPARTMENT STORES





**OPEN ALL DAY**
Monday - Friday:
8.30am - 7.30pm
Saturday:
8.30am - 6.00pm











JB Stores Ltd
Iklin Road - Iklin
Tel: 23314301/3
**JB Stores Hometextiles**
**& Curtain Fabrics**
**Now Open at Gallarija Fgura**
Tel: 21805937

## Everything You Need For Your Home Under One Roof

## New Stock Arrived

Curtains & Curtain Poles • Bedspreads, Quilts & Bed Linen • Cushions & Home Furnishings • Carpets • Upholstery Fabric • Kitchenware & Household Goods • Bath Towels • Haberdashery & Sewing Service • Bridal Fabric • Special Occasion & Fashion Fabrics • Garden Furniture • Ready-made Mens', Ladies' & Childrens' Wear



WPS 93 C. Fabri
C.M.R.U.

# Intervista mal-familjari tal-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo

F'Novembru l-Kummissarju għoġbu jilqa' l-istedina tagħna sabiex nitkellmu ftit miegħu fuq it-trasformazzjoni li għadda minnha l-Korp tal-Pulizija f'dawn l-aħħar ħames snin kemm ilu fil-kariga ta' Kummissarju.

Kienet intervista li qanqlet diversi emozzjonijiet, nazzarda ngħid li qatt ma kellna kummenti daqs l-aħħar darba! U dan iffisser li kienu l-ħafna li qraw il-Magazine!

Kif diġa' spjegajna, l-familja għas-Sur Rizzo tfisser ħafna u kif spjegalna ukoll fil-ħarġa ta' Diċembru li għadda, hija l-familja li ttih dak l-istimolu neċċessarju sabiex jaffaċja l-ġurnata tax-xogħol tiegħu. Għaldaqstant, ġiet milqugħa wkoll it-talba sabiex nitkellmu mal-familja tas-Sur Rizzo kif ukoll mal-ġenituri tiegħu.



Mal-familja tas-Sur Rizzo iltqajt f'okkażżjonijiet varji, pero' qatt ma kelli l-okkażżjoni li nitkellem magħhom fuq il-kap tal-familja – dak tagħhom, u wara kollox, tagħna.

L-intervista saret għand il-familja Rizzo, familja umli, ferrieħija u *down to earth.* Xejn imkabbra għax il-missier huwa l-Kummissarju tal-Pulizija, jew nuqqas ta' tħaris tal-liġijiet tas-sewqan – iċ-ċittazzjonijiet xorta jingħataw u jitħallsu!

Catherine Rizzo, il-mara tal-Kummisarju, qaltilna li bħala bniedem John Rizzo huwa bniedem sensittiv ħafna u *l-familja għalih hija kollox, speċjalment it-tfal.* Ma jagħmilx distinzjoni bejn ħutu u l-aħwa tal-mara tiegħu, tant, li l-hena tiegħu hija li jiġbor lil kulħadd id-dar tiegħu sabiex isajrilhom.

Lis-sinjura Rizzo saqsejnieha jekk lil John Rizzo saretx tafu qabel daħal fil-Pulizija. Il-jum li saret din l-intervista, is-7 ta' Novembru, 2006, is-sinjuri Rizzo għalqu tletin sena minn meta iltaqgħu, żmien li fih John Rizzo ma tantx kien ilu Pulizija.

Tiftakar iż-żminijiet li John Rizzo telgħa l-iskaluni fir-rankijiet, fejn bħala Surġent kien serva ġewwa l-Uffiċju ta' l-I.D. Cards, bħala Segretarju tal-Kummissarju ta' dak iż-żmien fir-rank ta' Spettur u wara ħareġ fid-Distrett, sakemm spiċċa fid-Dipartiment ta' l-Investigazzjoni Kriminali bħala Assistent Kummissarju.

Tħoss li għalkemm dawn l-aħħar ħames snin kienu jfissru iktar impenn u responsabbilita' għarraġel tagħha, il-familja xorta baqgħet minn ta' quddiem. Illum il-ġurnata l-familja kibret b'żewġ membri – l-għarrajjes tat-tfal il-kbar, Elaine u Keith, li integraw sewwa mal-familja Rizzo.

Huwa normali li kull mara tara x-xogħol imwettaq minn żewġha bħala tajjeb u ġust. Għas-sinjura Rizzo l-pożizzjoni ta' Kummissarju ma tfissirx biss dak il-ħin li John Rizzo iwettaq fl-Uffiċju tiegħu, imma aktar importanti minn hekk huwa li *ħafna drabi xogħolu jibda u jispiċċa meta jkun id-dar. Ma joqgħodx iqis li b'telefonata ser tqum il-familja fil-bixra tal-lejl. Għalih huwa mportanti li xogħol il-Pulizja jsir sewwa u li l-Pulizija tkun qdit id-doveri tagħha lejn iċ-ċittadin* Ovvjament, ser issib min igerger għax forsi s-sitwazzjoni



li sab ruħu fiha ma għoġbitux, imma *meta jkollna xi funzjoni u nkun qed nitkellem man-nisa ta' Pulizija dejjem pożittiv smajt, speċjalment fuq ix-xift il-ġdid.*

Ir-rendikont tal-ġurnata għas-Sur Rizzo jibda fid-disgħa ta' fil-għaxija meta jingħaqad mal-familja għall-ikel. Huwa bniedem paċenzjuż, fejn apparti li jisma' lil kulħadd x'għamel l-iskola jew fuq il-post tax-xogħol, jintegra ruħu bi sħiħ f'għoti ta' esperjenzi lit-tfal f'dak li huma opinjonijiet u pariri.

Saqsejna lil Elaine u l-Keith, iż-żewġt itfal kbar, xi tfisser il-pozizzjoni ta' missierhom speċjalment fid-dinja tax-xogħol tagħhom u ovvjament dik ta' kuljum.

Għall-Elaine, li tiftakar lil missierha bħala Spettur is-CID, tiftakar li matul il-ġimgħa kienu jimmisjawh minħabba l-fatt li kienu jorqdu kmieni minħabba l-iskola. Iżda tiftakar li missierhom kien jagħmel minn kollox sabiex il-*week end* kien iqattgħu magħhom. Huwa bnie-





dem tal-familja, *il-Ħadd kienet il-ġurnata li noħorġu bħala familja, u l-ġurnata li anke jekk ma nagħmlu xejn, basta qegħdin flimkien. Ma tonqos il-ħarġa għand in-nanniet li għadha ssir sal-lum. Hekk tappreza li l-ftit ħin li jibqagħlu jgħaddih magħna.*

Fuq il-karattru ta' missierha Elaine tikkummenta illi *bħala tip id-daddy huwa bniedem ċajtier, għalkemm jidher xi ftit serju u bniedem ta' dixxiplina. Pulizija huwa x'inhuwa hux!*

Illum il-ġurnata r-reputazzjoni ta' missierhom tfisser ħafna u *għalhekk wieħed joqgħod ferm attent xi jgħid u x'jagħmel, fl-aħħar mill-aħħar dak huwa missierek u ovvjament ma tridx titfa' dell ikrah fuqu, għalkemm hija ftit diffiċli fuq iż-żgħar.*

Il-fattur li fi ftit xhur oħra tista' tkun qed tiġġieled kontra missierha l-Qorti, Elaine tirrispetta ħafna l-kariga li jzomm missierha, speċjalment meta taf il-ħin u s-sagrifiċċji li jkun sewa' lil dak il-Pulizija sabiex iressaq każ il-Qorti. Ma teskludix li tieħu rotta differenti, pero' *wieħed irid jistenna u jara* qaltilna bid-daħka.

Minn dawn il-paġni nawguraw lil Elaine kull suċċess fil-karriera l-ġdida tagħha bħala Avukat hekk kif tlesti l-kors aktar tard din is-sena.



Għal Keith, John Rizzo dejjem kien dik il-persuna li jħares lejha b'ammirazzjoni kbira. Meta kien iżgħar kien dejjem jargumenta ma missieru għaliex dejjem żamm dak il-pass lura iktar minn sħabu. Kien iħossu maqtugħ mis-soċjeta' għax qatt ma seta' jagħmel dak li xtaq. Pero' illum il-ġurnata jirringrazzja lil missieru talli dejjem fetaħlu għajnejh f'dak li huwa tajjeb u ħażin.

Għal Jeffrey u Kurt, iż-żewġ subien iż-żgħar, xogħol missierhom huwa wieħed interresanti u kuntenti bil-pozizzjoni li jżomm. Jaqblu ħafna f'ħaġa waħda, fejn l-attenzjoni hija waħda massima u passjonali – dik għat-tim tal-Juventus.

Bħala tfal ma jonqosx li l-attenzjoni għall-iskola hija waħda kbira, fejn skond huma *id-daddy huwa ftit strett fejn tidħol dixxiplina ta' skola.* Ma tkunx l-ewwel darba li s-Sinjura Rizzo tirrikori għat-telefon biex inċempel *lil John biex iż-żgħir jagħmel il-homework – fejn din hija arma tipika fejn John Rizzo ma jkun infurmat xejn!*

Pero' l-ewwel priorita' hija l-familja. Fissajf darba fil-ġimgħa, xogħol jippermetti, jara kif jorganizza BBQ għal familji tan-naħa tal-mara u għal familji tan-naħa tiegħu. Il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena tfisser il-ġabra taż-żewġ familji għand il-familja Rizzo għall-ikla ta' nofs in-nhar u jibqgħu sejrin sa fil-għaxija.

Il-visti għand in-nanniet ma jonqsux u llum il-ġurnata anke t-tfal żammew din it-tradizzjoni. Mill-ftit ħin li konna ilna hemm deher biċ-ċar illi l-kunċett ta' familja huwa b'saħħtu u importanti u li jisboq kull ħaġa oħra.

Preżenti kien hemm ukoll l-għarajjes ta' Elaine u Keith. Kliem ta' tifħir lejn is-Sur Rizzo, fejn ma naqsietx is-soduzzjoni ta' l-ewwel ġurnata li dawn daħlu d-dar u ser jiltaqgħu mal-Kummissarju tal-Pulizija. Ħassewhom mill-ewwel jagħmlu parti minn din il-familja, *għalkemm ma neskludux li għaddejna minn skrutinu kbir.* Deskritt bħala persuna serja u ta' memorja kbira u diffiċli ħafna biex jinsa xi ħaġa. *Imma huwa persuna li jaf jiċċajta u li jġagħlek tħossok komda anke f'dawk iċ-ċirkostanzi l-aktar skomdi li wieħed jista' jsib ruħhu fihom.*

Pero' l-aktar ħaġa mpressjonanti hija t-talenti moħbija li għandu John Rizzo. Huwa dotatt b'diversi tipi ta' snajja, bħal dik ta' mastrudaxxa, tqegħid ta' madum, imma l-aktar waħda



impressjonanti hija dik tat-tisjir. Huwa bniedem medikuluż sa l-aħħar u dak li ser jaqla' jara li jnaddaf warajh sa l-inqas biċċa. B'daħka fuq xuftejhom, kulħadd ammetta li jistenna dawk il-mumenti meta s-Sinjura Rizzo tgħaddi r-riedni tal-kċina lil żewġha.

Fuq din in-nota kellna nħallu l-familja Rizzo sabiex inżuru familja oħra li lil John Rizzo ratu jitwieled, jikber u jilħaq dawk l-aspirazzjonijiet li bħala tifel dejjem ħolom li jilħaq – Omm u Missier John Rizzo.

John huwa l-kbir qalb tlett ibniet u allura wieħed jista' jgħid li minn ċkunitu għaraf xi tfisser tkun responsabbli għal dawk l-affarijiet li tant ikunu għal qalbek. Kien tifel li jħobb jgħin ħafna, u kien ikun minn ta' quddiem meta jiġi biex jiddefendi lil xi ħadd minn sħabu. Minn mindu kien żgħir jekk tarah dieħel għal xi biċċa xogħol, jara kif jagħmel sabiex din jagħmilha sew u jirrabja miegħu nnifsu jekk forsi



jiżgarra xi ftit. Pero' l-aktar ħaġa li minn dejjem kienet għal qalbu hija l-familja. Sakemm ma kellux din ir-responsabbilta' ommu tgħidilna *li kull ħin li kellu kien jiġi jarana u jġib lit-tfal, fejn dawn għadhom sal-lum iżuruna. Kien il-fessud tal-familja, u għadu sal-lum ħutu jfittxuh speċjalement jekk bħala familja nkunu ser norganizzaw xi ħaġa. Ma jaqta' qalbu qatt, anke meta dan l-aħħar kellu jdejh fil-ġibs, arah ikewwes xi ħaġa basta jżomm lilu nnifsu okkupat - ma jafx ma jagħmel xejn.*

Meta kien żgħir il-ballun kien iħobbu ħafna. Kien jilgħab mat-tfal fit-triq sakemm meta tfarfar ingħaqad mat-tim tal-futbol ta' Bormla, dak tas-St Georges. Għalkemm karriera qasira, pero' xorta waħda ħalla impatt fuq il-logħba tal-ballun!

Missieru jgħidilna li huwa bħala persuna minn *dejjem ħabba l-Pulizija u dejjem ħeġġieġ lil ibni sabiex jingħaqad mal-Korp*, għalkemm kontra x-xewqa ta' ommu. Pero' l-ikbar uġiegħ ta' qalb għal ġenituri hija meta jisimgħu lil xi ħadd imaqdar l-uniformi. Dan mhux għax illum hemm binhom fil-pożizzjoni li jinsab, imma għax ħadd ma jaf u jifhem x'responsabbilta' jidħol fiha kull membru tal-Korp.

Fl-aħħar saqsejnihom jekk rawx xi differenza jew bidla fit-tifel tagħhom kemm ilu Kummissarju. Huma sostnew li għalkemm il-pressjoni u r-responsabbilta' żdiedet mhux ħażin, *John xorta għadu jgħożż il-ħin li jqatta' mal-familja. Ovvjament wieħed ma jridx jinsa' li x-xogħol huwa parti integrali mill-ħajja tiegħu fejn jiddejjaq immens meta jsma' lil xi ħadd imaqdar lill-Korp. L-inkwiet ma jonqos qatt, pero' meta tkun taf x'karattru u t-tip ta' determinazzjoni li għandu ibnek tagħraf ittaffi ftit minn dan l-istess inkwiet.*



B'din in-nota nagħlqu l-intervista tagħna mal-familjari tas-Sur John Rizzo, fejn nirringrazzjawhom talli kienu daqshekk umli li għoġobhom jospitawna f'darhom.






aplan
your home for life

Second to none in quality and dependability, Siemens home appliances stand at the forefront of technological progress combining innovative thinking, precision engineering and timeless, modern design to create the world's most advanced home appliances.

Aplan Centre, B'kara by pass, B'kara. Tel: 2148 0590

SIEMENS



Dr Andy Ellul B.A., LL.D
Surgent (1503), Uffiċċju Legali

# Il-Kwerela (it-tieni Parti)

**L-Att Dwar il-Vjolenza Domestika u t-tibdil li ġab miegħu**

Fl-2005 daħal fis-seħħ l-*Att Dwar il-Vjolenza Domestika.*[1] F'dan l-artiklu se naraw kif permezz ta' dan l-Att, ir-reati li jinvolvu vjolenza domestika saru ex officio, ċioe` jistgħu jitmexxew mingħajr il-kwerela tal-parti offiża.

X'jikkonstittwixxi reat ta' vjolenza domestika? Artiklu 2 ta' dan l-Att jiddefinixxi l-frazi 'vjolenza domestika' bħala *kull att ta' vjolenza, anke jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor u tinkludi kull ommissjoni li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali lil ħaddieħor.* Dan l-Att iffisser ukoll min huma dawk il-persuni li jinkwadraw fid-definizzjoni ta' membru domestiku. Fi kliem ieħor, jekk reat ta' vjolenza domestika jiġi mwettaq minn dawn il-persuni msemmijin hawn taħt, il-Pulizija ma jkolliex bżonn ta' kwerela biex tmexxi:

1) persuni miżżewġin jew li kienu qabel miżżewġin lil xulxin;
2) persuni li jgħixu fl-istess dar mal-ħati jew li kienu jgħixu mal-ħati f'perjodu ta' sena qabel ir-reat;
3) persuni li ż-żwieġ tagħhom ikun ġie xolt jew dikjarat null;
4) ġenituri u t-tfal tagħhom;
5) adulti oħra li jkunu joqogħdu fl-istess dar;
6) persuni li jkunu, jew li kienu, għarajjes kemm formalment kemm informalment bil-ħsieb li jiżżewġu;
7) persuni li jiġu minn xulxin jew b'konsangwinita` jew b'affinita` sat-tielet grad inkluż
8) persuni li għandhom jew kellhom tifel bejniethom;
9) it-tarbija konċepita iżda li tkun għad trid titwieled ta' xi waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (i) sa (viii), it-tnejn inklużi.

Il-Kodiċi Kriminali jagħmel riferenza diretta għal dan l-Att u fl-artiklu 543 (e) jispjega biċ-ċar illi l-Pulizija tista' taġixxi mingħajr kwerela fil-każijiet li jinvolvu vjolenza domestika. Fi kliem sempliċi, jekk reat isir bi vjolenza bejn xi persuni minn dawn elenkati hawn fuq, dan ikun meqjus bħala reat li jinvolvi vjolenza domestika u allura jitqies *ex officio.*

F'każijiet bħal dawn, fejn qabel kien legalment possibbli li l-vittma titlob lill-Pulizija biex il-każ tagħha ma jittiħiedx il-Qorti, illum il-ġurnata l-parti offiża jew il-vittma ma tistax titlob lill-Pulizija biex ma jittieħdux passi kriminali kontra l-aggressur. Dan għaliex il-kwerela mhix rekwiżit għall-prosekuzzjoni ta' reati *ex officio.* Fi kliem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, *ġaladarba ma tkunx meħtieġa l-kwerela, il-maħfra tal-parti leża jew offiża ma tistax tammonta għal rinunzja tal-kwerela fis-sens ta' l-artiklu 545 (1)"*[2] *tal-Kodiċi Kriminali.*[3]

Minkejja dan, iżda, ma rridux niġru bil-ħsieb illi f'każijiet ta' vjolenza domestika, peress illi issa saru *ex officio*, il-Qorti hija marbuta li tipproċedi bis-smigħ tal-kawża jekk il-parti offiża turi x-xewqa li ma tridx tkompli bil-kawza. Il-vittma (mhux il-parti offiża) tista', wara li jkunu nbdew proċeduri fil-Qorti, titlob lill-Qorti biex twaqqaf il-proċeduri kontra l-imputat.[4] Huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tilqax it-talba tal-vittma jew le. Jekk il-Qorti tilqa` t-talba tal-vittma, din tgħaddi biex tiddikjara l-proċediment eżawrit. Jekk le, tkompli bil-proċeduri normali.

Kif wieħed jista' jinnota, l-introduzzjoni ta' dan l-Att ġabet magħha bidla kbira u sostanzjali fil-kamp kriminali. Il-fatt illi l-Att jispjega biċ-ċar min jikkwalifika bħala membru domestiku u xi tfisser vjolenza domestika, għin ħafna biex inkunu nistgħu nifhmu aktar il-kontenut u l-interpretazzjoni tiegħu.

Ċertu reati ħadu xejra oħra fil-kamp penali bis-saħħa ta' dan l-Att. Per eżempju, kien hawn ġurisprudenza konfliġġenti dwar jekk stupru bejn miżżewġin jikkonstitwix reat jew le. Fl-opinjoni tiegħi, għalkemm għad m'hemmx ebda ġurisprudenza li ssaħħaħ dan l-argument, issa nistgħu ngħidu li stupru bejn il-miżżewġin (peress illi tnejn miżżewġin jaqaw taħt id-definizzjoni ta' membru domestiku, u skond l-istess Att 'vjolenza domestika' tfisser kull att ta' vjolenza bejn membri domestiċi), jikkonstitwixxi reat illum il-ġurnata bis-saħħa ta' dan l-Att.

**Meta tista' l-Pulizija tmexxi *ex officio* anke meta l-kwerela hija rekwiżit biex l-azzjoni kriminali titmexxa?**

Fl-ewwel parti ta' dan l-artiklu elenkajt lista ta' reati li *ġeneralment* l-azzjoni tagħhom tista' titmexxa biss bil-kwerela tal-parti offiża, bħar-reati ta' stupru vjolenti, tas-serq ta' persuna u l-attentat għall-pudur. Iżda kważi għal kull regola hemm eċċezzjoni fil-liġi. Fil-fatt, il-proviso ta' l-artiklu 544 tal-Kap. 9 jipprovdi illi jekk dawn ir-reati jsiru bi vjolenza pubblika, bi vjolenza domestika (kif imfissra f'artiklu 2 ta' *l-Att Dwar Vjolenza Domestika*) jew flimkien ma' reat ieħor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentament mill-azzjoni tal-parti privata,

[1] Kapitlu 481 tal-Liġijiet ta' Malta, hawn isfel msejjaħ bħala 'l-Att'.
[2] Pulizija vs Pietru Cutajar, Qorti ta' l-Appell, 12/9/1996.
[3] Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] It-tieni proviso ta' l-artiklu 543 tal-Kap. 9.

ċjoe' *ex officio*. Dan ifisser illi għalkemm dawn ir-reati huma kwerelabbli, l-azzjoni tagħhom tista' titmexxa *ex officio* jekk dawn jiġu mwettqa bil-wieħed bil-mezzi kif spjegat.

Per eżempju, jekk stupru jsir ġewwa residenza privata bejn żewġ persuni li ma jaqawx taħt id-definizzjoni ta' 'membru domestiku' kif provdut fl-Att, il-Pulizija ma tkunx tista' tmexxi bl-azzjoni kriminali jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża. Iżda jekk dan ir-reat isir fil-pubbliku, jew minn żewġ persuni li jaqaw taħt id-definizzjoni ta' 'membru domestiku', il-Pulizija tkun tista' tmexxi l-azzjoni *ex officio*.

Ġurisprudenzjalment ġie stabbilit illi minuri jista' jagħmel kwerela kontra l-ġenituri tiegħu, minkejja li l-liġi hija pjuttost xotta dwar dan l-aspett. Mill-banda l-oħra, minn eżami ta' l-artikli tal-Kodiċi Kriminali, wieħed jinnota li l-leġislatur jagħti importanza kbira lill-minuri. Dan għaliex, għalkemm f'ċertu reati, bħar-reat ta' koruzzjoni ta' minorreni, il-Pulizija għandha bżonn kwerela biex tmexxi, meta dan ir-reat isir mill-ġenitur jew it-tutur, il-Pulizija tista' tmexxi *ex officio*.[6] Fil-fehma tiegħi, il-leġislatur ħaseb għal din l-eventwalita` peress illi meta reati bħal dawn jiġu kommessi mill-ġenitur, tkun ferm aktar diffiċli għall-minuri biex jagħmel rapport lill-Pulizija dwar dan.

*Minbarra r-reati li diġà semmejna, dwar kull reat ieħor kwerelabbli li jsir bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku, il-Pulizija tista' tmexxi l-azzjoni ex officio.*[7] Kif diġà ntqal, f'każijiet hekk, ir-rinunzja tal-parti leża ma jkollha l-ebda effett għax il-Pulizija ma tkunx qed taġixxi bis-saħħa ta' xi kwerela. Iżda, jekk il-Pulizija tkun qed tressaq persuna fuq żewġ akkużi differenti, li fuq waħda tkun qed taġixxi *ex officio* u fuq l-oħra bis-saħħa ta' kwerela, il-parti leża tista' dejjem tirtira l-kwerela tagħha u l-Qorti tiddeċiedi biss fuq l-akkużi *ex officio*.

### Il-famużi erbat ijiem wara li tkun saret il-kwerela

Hemm sitwazzjoni oħra fejn il-Pulizija tista' tmexxi *ex officio* anke meta l-kwerela hija rekwiżit biex l-azzjoni kriminali titmexxa. Meta jseħħ reat kwerelabbli, u l-parti offiża ma tagħmilx kwerela biex il-Pulizija tkun tista' tmexxi, u fi żmien erbat ijiem minn mindu jkun sar ir-reat il-parti offiża ma tirrinunzjax esspressament għaliha, il-Pulizija tista' tmexxi *ex officio*.[8]

Jekk il-Pulizija tmexxi wara erbat ijiem *ex officio* kif spjegajt, avolja l-każ ikun inizjalment wieħed kwerlabbli, il-parti offiża ma tkunx tista' tirtira l-kwerela, għax fil-verità ma jkun hemm ebda kwerela x'tiġi rtirata.[9]

Hu importanti li naċċena illi, kien hemm każijiet fejn għalkemm il-Pulizija mexxiet bis-saħħa ta' din il-proċedura legali, dan l-aġir ġie kkundanat mill-Qorti Kostituzzjonali, avolja l-poter tal-Pulizija li tmexxi f'każijiet hekk hu sanzjonat mill-Kodiċi Kriminali.[10] Il-każ kien jitratta reat ta' malafama taħt *L-Att Dwar il-Liġi ta' L-Istampa* (Kap. 248). Reati taħt dan l-Att huma kollha kwerelabbli.

Ġara li dan il-każ spiċċa quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, fejn l-akkużati ppremettew illi l-Pulizija ma kellha l-ebda dritt tmexxi ġaladarba il-parti offiża ma ħassitihiex leża bl-aġir ta' l-akkużati. Il-Qorti Kostituzzjonali, f'deċiżżjoni pjuttost elaborata, tenniet illi fejn il-parti offiża ma tkunx talbet li jittieħdu passi, ħadd m'għandu jaġixxi f'isimha. Fil-fatt, l-istess Qorti iddikjarat illi f'każijiet ta' malafama jekk il-Pulizija tmexxi b'dan il-mod tkun qed tmur kontra id-dritt ta' l-espressjoni kif sanċiż fl-artiklu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 10 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalkemm *ex lege* l-Pulizija tista' tmexxi f'każijiet hekk, il-proviso ta' l-artiklu 373 tal-Kodiċi Kriminali ma reġgħax ġie applikat wara din id-deċizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali – minkejja li dan il-poter tal-Pulizija baqa' fis-seħħ fil-Kodiċi Kriminali!

### Tista` ssir kwerela imbagħad tiġi rtirata?

Meta r-reat ikun wieħed kwerelabbli, il-parti leża tista' tmur l-Għassa tal-Pulizija u tirtira l-kwerela li tkun diġa għamlet. Iżda tista' kwerela tiġi rtirata jekk il-każ ikun diġa beda jinstema? Skond il-Kodiċi Kriminali il-kwerelant jista', f'kull stadju tal-proċess sakemm tingħata s-sentenza finali (anke fi stadju ta' appell), jirrinunzja għall-kwerela li jkun għamel.

Meta l-kwerelant jirrinunzja għall-kwerela l-imputat jew l-akkużat jista' ma jaċċettax ir-rinunzja. F'dan il-każ, il-Qorti tibqa' għaddeja bil-proċeduri daqs li kieku l-kwerela ma ġietx irtirata.[12] Għalkemm rari niltaqgħu ma' każijiet hekk fil-Qrati tagħna, il-leġislatur ħaseb għal din l-eventwalità biex jagħti l-opportunità lill-imputat li jżomm ir-reputazzjoni tiegħu permezz ta' deċizjoni tal-Qorti minflok bl-irtirar tal-kwerela.

Jekk ir-rinunzja tal-kwerela issir wara l-ftuħ tal-kawża, u jiġi ppruvat li din kienet frivola u vessatorja, jew bil-ħsieb ta' estorzjoni ta' l-flus jew ta' xi ħaġa oħra, jew bi ħsieb ta' qliegħ ieħor, il-Qorti tista', anke jekk ikun hemm rinunzja, tkompli tisma` l-każ.[13] Meta kwerela tkun saret b'mod frivolu u vessatorju, il-Qorti tista' tordna li jittieħdu proċeduri kontra l-kwerelant rigward kalunja jew xhieda falza ai termini ta' l-artiklu 528 tal-Kap. 9.

[5] Artiklu 203 (1), ibid.
[6] Artiklu 203 (3) (b), ibid.
[7] Proviso ta' l-artiklu 373, ibid.
[8] ibid.
[9] Pulizija vs Pietru Cutajar (n.2).
[10] Il-Pulizija vs L-Onorevoli Dr Joseph Brincat et, Qorti Kostituzzjonali, 5/10/1992.
[11] Artiklu 545 (1) tal-Kap. 9).
[12] Artiklu 545 (2), ibid.
[13] Artiklu 545 (2), ibid.

**Tista' kwerela tiġi rtirata taħt xi kundizzjoni?**

Jista` jagħti l-każ, per eżempju, li l-kwerelant jiftiehem mal-parti offiża u jekk jintleħaq ftehim, il-kwerelant jirtira l-kwerela. Dan l-atteġjament jista' iġib miegħu abbużi, għax il-kwerelant jista' japprofitta ruħu minn din is-sitwazzjoni. Fil-liġi Maltija m'hemm xejn imniżżel rigward jekk kwerela tistax tiġi rtirata taħt kundizzjoni. Dan il-punt ġie trattat quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali,[14] fejn il-Qorti qalet illi kwerela ma tistax tiġi rtirata taħt kundizzjonijiet.

**Tista' kwerela tiġi rtirata taċitament?**

Il-liġi tagħna għal darb'oħra, hija silenzjuża dwar dan l-aspett. Kwerela hija meqjusa li tkun ġiet irtirata taċitament meta l-kwerelant jagħmel xi ġest li jkun inkompatibli max-xewqa tiegħu stess li jipproċedi bil-każ. Il-Qrati tagħna kellhom l-opportunita` li jiddeliberaw fil-fond fuq dan il-ħsieb. F'każ partikolari l-akkużat kien imressaq fuq akkużi ta' appropprazzjoni bla jedd.[15] Kif spjegajt fl-ewwel parti ta' dan l-artiklu, għal dan ir-reat hija meħtieġa l-kwerela tal-parti offiża. Wara li kienet saret kwerela biex jitressaq l-akkużat il-kwerelant u l-akkużat leħqu ftehim (transazzjoni), fejn l-akkużat obbliga ruħu li jonora d-dejn dovut. Minħabba dan il-ftehim, l-ewwel Qorti qalet li ma kienx hemm il-kwerela meħtieġa skond il-liġi biex l-akkużat seta' jgħaddi proċeduri kriminali u lliberatu mill-akkuzi miġjuba kontrih. Fuq appell ta' l-Avukat Ġenerali, il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u qalet illi ... *transazzjoni bejn il-partijiet kienet tammonta għal rinunzja taċita tal-kwerela b'mod li ma setgħux jinbdew proċeduri għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali.*

**Jekk kwerela tiġi rtirata, tista' terġa' ssir oħra fuq l-istess reat?**

L-istess bħas-sitwazzjonijiet l-oħra li diġa tkellimna fuqhom, il-liġi ma ttiniex risposta. Iżda dan il-punt ġie għal darb'oħra riżolt mill-Qrati tagħna.[16] Jidher imma li xorta waħda hemm bżonn ta' emendi f'dan ir-rigward biex tinħoloq dik iċ-ċertezza legali li tant hi meħtieġa fil-kamp penali.

Minn dawn il-każijiet joħroġ biċ-ċar, illi ma tistax terġa` tiġi magħmula kwerela rigward reat li għalih tkun diġa ġiet irrinunzjata l-kwerela. Dan minħabba li r-rinunzja tal-kwerela ġġib magħha l-estinzzjoni ta' l-azzjoni kriminali, u ġaladarba l-azzjoni kriminali tiġi estinta, din ma' tistax terġa' tiġi rijattivata.

[14] Pulizija vs Guido Fenech, Qorti tal-Appell, 25/3/1975.

[15] Pulizija vs Alfred Debono, Qorti ta' l-Appell, 25/6/1993.

[16] Dawn il-każijiet, fosthom R vs Galea (14/1/1941), insibuhom kwotati fin-Noti Dwar il-Liġi Kriminali tal-Professur Anthony Mamo, kif emendati mill-Imħallef Vincent Degaetano.








If so, you may now qualify for Citadel's ***RoadWise*** Motor Policy, a cover that has been specifically designed for careful drivers like yourself. Contact us at our Head Office in Floriana or any of our Sales outlets for more information.

Citadel Insurance p.l.c. • Casa Borgo • 26 Market Street • Floriana FRN 1082
Tel: 2557 9000 • Fax: 2557 9550 • Freephone: 8007 2322 • E-mail: info@citadelplc.com
Branches: Gżira 2133 2151 • Ħaż-Żebbuġ 2146 3559 • Naxxar 2141 9198 • Paola 2180 6247

Citadel insurance

Citadel Insurance p.l.c. is authorised to carry on general and long term business of insurance under the Insurance Business Act, 1998 and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

# MEGABYTE

TOTAL COMPUTER SOLUTIONS

## made-to-measure IT Solutions





With over 25 years of delivering dependable IT solutions, Megabyte is a leading IT outsourcing force in Malta.

Since its inception, Megabyte has kept faithful to its mission of providing total cost-effective solutions based on products and services of the highest quality to enable its customers to be more efficient and competitive. Long term relationships with our customers and strategic partners are the essence of our success. We understand that every customer is different so we go to great lengths to engineer complex enterprise solutions for long lasting business benefits.

Megabyte boasts a track record of achievements in both the public and private sectors. Indeed, Megabyte is associated with some of the major developments in the evolution of IT in Malta with large projects of varying nature such as the computerization of the lotto games, the implementation and support of the Patient Administration System at the national hospital, the design and implementation of the VAT System, the computerization of electoral processes and the national ID System, a campus-wide cluster of servers and storage at the Malta Freeport and the implementation and support of the Oracle eBusiness Suite and the development of a Route Profitability System at Air Malta.

Megabyte can undertake such mission critical projects because it has an extensive experience in the design, development, implementation and support of IT systems comprising bespoke and third party software, passive and active infrastructure, as well as system hardware. It has a highly qualified team of engineers and technical staff who are vendor certified in various disciplines.

Working as a single dynamic team crossing functional boundaries, Megabyte's business units possess the right balance of skills and experience to carry out projects such as:

- Bespoke software design and development
- Implementation of the Oracle eBusiness Suite
- Implementation of Microsoft Great Plains
- Implementation of MICROS-Fidelio Hospitality Solutions
- Design & installation of System Infrastructure
- Supply and integration of HP desktop products

For further information on how we can bring true value to your business, please call us on + 356 2142 1600 or request that one of our business representatives calls you by sending an email to **info@megabyte.net**

MEGABYTE

TOTAL COMPUTER SOLUTIONS

**MEGABYTE LIMITED**
F4, The Technopark, Mosta MST 02, Malta

**Tel** (+356) 2142 1600 **Fax** (+356) 2142 1590
**E-mail** info@megabyte.net www.megabyte.net

ORACLE CERTIFIED PARTNER

Microsoft GOLD CERTIFIED Partner

2006 Preferred Partner
hp invent



Fr Raymond Bonniċi
OFM, Cap

# Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesu, ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa u Marija ta' Magdala.

***Evanġelju ta' San Ġwann 19, 25***

Fiż-żmien li qegħdin bħalissa fih li daqt jasal fit-tmiem tiegħu r-Randan Imqaddes, niċċelebraw il-jum għażiż u devot tal-Festa tad-Duluri. Il-biċċa l-kbira tagħna l-Maltin u Għawdxin inħossu l-ħtieġa biex f'dan il-jum nersqu lejn Alla l-Imbierek permezz tad-devozzjoni tagħna lejn Ommna Marija fin-niket tagħha taħt is-Salib. Huwa jum li ħafna jagħmlu xi forma ta' penitenza, jersqu lejn is-Sagramenti tar-Rikonċiljazzjoni (Qrar) u l-Ewkaristija (Quddies). Ma jonqsux il-follol kbar li jagħmlu minn kollox biex jieħdu sehem fil-purċissjonijiet.

Xi jfisser dan kollu? Devozzjoni u mħabba lejn Marija, ħtieġa li nuru din id-devozzjoni bħala komunita' li temmen. Inħossu bżonn biex nitolbu maħfra. Nitolbu lil Mulej biex bl-interċessjoni ta' Marija ngħixu dak li nistqarru.

Aħna lkoll li nemmnu f'Ġesu' ninsabu f'mixja/proċess ta' konverżjoni kontinwa. Matul il-ħajja tagħna jeħtieġ nagħrfu din il-ħaġa biex inkunu koerenti ma' dak li nippruvaw nagħmlu matul is-sena kollha. Imqar kieku l-folol li jimxu wara l-istatwa tad-Duluri jiġu kull nhar ta' Ħadd għall-Quddiesa. Nassigurakom li l-attendenza tal-Quddies tkun 90% u mhux 54% kif wera' fl-aħħar ċensiment li sar. Insisrani li jixtieq jagħmel il-mixja tiegħu bis-serjeta' wara Ġesu', jeħtieġ li jagħmel mistoqsija importanti li hija, *Jiena nemmen li l-Mewt u l-Qawmien ta' Ġesu' Kristu huma l-mezz tas-salvazzjoni tiegħi?*

It-tweġiba għal din il mistoqsija nsibuha fil-fond tal-qalb ta' kull wieħed u waħda minna. Ilkoll kemm aħna nduqu r-realta' tal-mewt meta fil-ħajja tagħna nagħmlu għażliet li l-konsegwenzi tagħhom inisslu fina dieqa u niket. Il-mewt mhix biss dik li toqtol il-ġisem iżda hemm dik il-mewt li toqtol l-ispirtu ta' ġewwa fina li permezz tiegħu nistgħu nsejħu lil Alla l-imbierek Missier. Hija din il-mewt li aħna rridu nkunu attenti minna biex ma tneħħilniex it-tama tagħna f'Alla. Din il-forma tal-mewt tieħu sura differenti fil-mod ta' kif aħna nħarsu u nġibu ruħna quddiem it-tbatija li nil-taqgħu magħha fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Minn hawn toħroġ il-ħtieġa li aħna nħarsu lejn Ommna Marija Addolorata b'mod sħiħ u mhux biss narawha taħt s-salib. Ommna Marija qiegħda toffrilna opportunita' biex nerfgħu s-salib li huwa t-tifsira tat-tbatija biex permezz tiegħu nidħlu fil-qalba tal misteru kbir ta' l-imħabba t'Alla għalina. It-tbatija f'ħajjitna bħal ma huwa l-mard fiżiku tagħna jew ta' l-għeżież tagħna, l-inġustizzji li nsofru, il-kriżijiet fil-familji mhumiex hemm biex ikissruna. Fis-silta mill-Evanġelju kif jidher it-titlu ta' dan l-artiklu, tgħidilna li Marija kienet wieqfa taħt is-salib jiġifieri li tara lil Binha Ġesu' f'dik il-passjoni u jmut fuq is-salib. Lilha ma kissirihiex iżda għarfet tintrabat mar-rieda t'Alla u tgħix dan il-mument qawwi ta' tbatija biex lilna tgħinna nifhmu l-kobor ta' l-imħabba t'Alla għalina.

Xi jmiss lilna li nagħmlu issa biex fid-devozzjoni tagħna lejn Marija Addolorata aħna nagħrfu nagħmlu minn din il-mixja (proċessjoni) waħda li tkun espressjoni ta' fidi? Noffru lilna nfusna bħala d-dixxipli ta' Ġesu' li t-tbatija f'ħajjitna ma tkissirniex iżda nagħrfu ndawwruha f'mezz li tgħinna nimmaturaw biex ngħelbu dik il-mewt li tisraqilna l-ħajja ta' dejjem. Għandna quddiemna żewġ għażliet fundamentali: jew nagħżlu li nħallu d-diffikultajiet tal-ħajja jiġru bina u jikkontrollaw ħajjitna jew bħal Marija nintrabtu mar-rieda' t'Alla għalina biex ikollna l-ħajja ta' dejjem. Jekk nagħmlu t-tieni għażla, ma' dak kollu li qegħdin nagħmlu f'dan ir-Randan Imqaddes (Quddies/Qrar /Sagrifiċċji) u devozzjoni tagħna lejn Marija Addolorata irridu nħidu biex matul is-sena kollha ngħixu ta' nsara konvinti mit-twemmin tagħna f'Ġesu'.

Allura mbagħad inkunu tassew awtentiċi u ġenwini d-devozzjonijiet li aħna nagħmlu f'dan iż-żmien u nistgħu nippreżentaw ruħna b'wiċċna minn quddiem għaliex ma' nagħmlux l-affarijiet għall-wiċċ in-nies imma għax nemmnu tassew u npoġġu fil-prattika dak li nistqarru.

Nawgura minn qalbi li din il-ġimgħa Mqaddsa bil-funzjonijiet kollha tagħha ikun żmien ta' grazzja u barka mill-Mulej imqajjem mill-imwiet biex jagħti lilna lkoll ħajja ġdida. L-Għid it-Tajjeb lil kulħadd




**Isn't it nice when you win something?**

Actually, it's brilliant. We've won '2007 International Van of the Year' for Transit, 'Car of the Year 2007' with S-MAX, and the World Rally Championship 2006 with the Focus. And while we don't mean to boast, it's nice to tell people too.

Feel the difference

Ford

**NEW FINANCE TERMS AVAILABLE. PART EXCHANGE? NO PROBLEM!**

GASAN
GROUP OF COMPANIES

**Gasan Automotive Centre,** Mriehel Bypass, Mriehel BKR 14 Tel: 21442030 Fax: 21442007
**Gozo Garage**, Victoria. Tel: 21551866
e-mail: automotive@gasan.com web site: www.ford.com.mt



Supt P. P. Zammit
Uffiċju Legali

# Drinn Drinn 11

*Hello; Prosecutions Unit,*

Bonġu Sir. Skużani ser neħodlok ftit mill-ħin tiegħek, imma għandi problema u ma nafx kif ser insolviha. Tista' tagħtini ftit mill-ħin tiegħek?

*Bonġu, sibtni eżatt bejn biċċa xogħol u oħra, u għalhekk il-ħames minuti li jmiss huma għalik. Għidli f'hiex tikkonsisti din il-problema u jekk nista' ngħinek.*

Ċert li tista' ssir, għax il-Liġi ta' l-Armi qaluli li int għamiltha.

*Le ħej, ħa tibda fuq sieq ħażina. Jien ma nagħmilx liġijiet, dawk jagħmilhom il-Parlament u jiena nistudjahom u nipprova nifhimhom. Dwar il-Liġi ta' l-Armi li nista' ngħidlek u li żgur li ma hux sigriet, li kont involut fin-nisġa tagħha, imma żgur li mhux għamiltha jien għax wara għaddiet minn ħafna idejn u dibattiti. Li forsi naf ftit aktar jien huwa dak li kien hemm fil-ħsieb u l-bżonn tal-bdil tal-liġi u l-għaliex il-liġi ħadet din ix-xejra. Imma qabel kollox, għidli f'hiex tikkonsisti din il-problema tiegħek.*

Il-problema tiegħi hija sempliċi fil-fatt, għandi applikazzjoni ta' persuna li talab liċenzja għal dik li qed tissejjaħ *Target Shooter's Licence A.* Issa dan speċifika li ser imur jispara b'pistola ma' għaqda partikolari. Din l-għaqda għamlet dikjarazzjoni li dan l-individwu għamel kors ta' taħriġ għal sparar b'pistoli u l-bord ta l-approvazzjoni tiegħu, issa jien x'irrid nagħmel, noħroġlu liċenzja, u jekk iva ta' x'hiex - *to keep jew to carry?*

*Nibdew mill-ewwel żbalji li qed isiru, u ċioe, to keep u to carry spiċċaw. Il-liġi bidlet il-kunċett bażiku taż-żamma ta' l-armi, u ċioe, ma għadniex nilliċenzjaw to keep jew to carry, iżda illum qed nilliċenzjaw ir-raġuni 'l għala persuna qed titlob liċenzja, u ċioe', x'bi ħsiebu jagħmel ġaladarba jotjeni dik il-liċenzja.*

*Mela l-ewwel ħaġa li trid tibdel hija l-mentalita'. Meta persuna qed titlob liċenzja dan qed jitlobha sabiex jagħmel xi ħaġa partikolari, mhux sempliċement biex jixtri. Mela din il-persuna diġa' indikali xi jrid (kif inhu mitlub fil-liġi), irid il-liċenzja biex huwa jkun jista' jmur jipprattika l-isport li huwa għażel, u ċioe' sparar b'pistola. Sa hawn kollox sew. Issa, barra minn hekk din il-persuna hija ċertifikata minn għaqda li dan għamel il-kors ta' sparar. Issa din l-għaqda hija waħda liċenzjata u awtorizzata mill-Weapons Board sabiex torganizza, iżżomm dan it-tip ta' kors u toħroġ iċ-ċertifikati ??*

Ma nafx Sir!!...

*Mela, staqsi lil ta' l-ufiċċju għaliex dawn irċevew lista ta' għaqdiet hekk awtorizzati mill-Weapons Board, u ivverifika.*

Imma Sir jekk ta' l-uffiċju diġa' iċċekjaw, għandi għalfejn nerġa' niċċekja jien?

*Iva ħej. Ġaladarba għandek nies taħt il-kariga tiegħek, parti minn xogħlok huwa is-sorveljanza ta' dak li huma jagħmlu, u mhux tiffirma u ejja ħa nmorru. Huwa tajjeb li jkollok fiduċja fin-nies ta' taħtek, imma huwa wkoll importanti li din ma tkunx fiduċja għamja, għaliex kulħadd jiżbalja u xogħlok huwa li l-iżball ma' jibqax għaddej. Kulħadd iqum ħażin darba jew oħra, u mis-sema 'l isfel kulħadd jiżbalja. Għalhekk is-sistema ġerarkika tagħna fil-Pulizija hija importanti biex fl-aħħar minn l-aħħar nagħtu liċ-ċittadin servizz tajjeb u mhux ta' kafkaf. Imbagħad ngħiduha kif inhi, int kif tista' qatt tidderiġi liż-żiemel jekk minn fuq il-karru fejn tinsab lanqas taf fejn trid tmur? Id-direzzjoni jagħtiha min għandu r-riedni f'idejh u r-responsabbilita' fuq spallejh, u anke dan irid ikun jaf fejn sejjer. Mela kun af tajjeb dak li s-subalterni tiegħek huma mitluba li jkunu jafu mhux biex tkun argużin imma mgħallem ħanin u diriġent tajjeb kif ngħidu fl-Innu Malti.*

Ajma x'daqqa din. Le Sir ma weġġgħajtnix, imma ġibtni f'tiegħi hawn.

*Mela nkomplu ġaladarba tidher li qomt sew. Issa dan l-applikant, huwa diġa' liċenzjat taħt l-istess liġi? Jekk din hija l-ewwel applikazzjoni tiegħu irridu bilfors naċċertaw ruħna li huwa ta' kondotta tajba, u li ma għandux problemi li jistgħu jaggravaw is-sitwazzjoni jekk nagħtuh liċenzja, mela irridu nagħmlu wkoll f'dan il-każ id-District Report. Jekk wara li tiġbor il-karti kollha naraw li dan huwa persuna affidabbli, allura ma hemmx problemi u tinħareġ il-liċenzja li huwa applika għaliha. Hawn ta' l-uffiċju irridu joqgħodu attenti dwar il-klassifikazzjonijiet tal-liċenzji. Jekk ma tafx bihom, mur sa l-uffiċju u żgur li jgħinuk. Jekk dan huwa diġa' liċenzjat, xorta irridu nivverifikaw l-istat attwali, għax jista' jiġri li għalkemm dan huwa liċenzjat, dan huwa magħruf magħna fil-ħażin u f'dan il-każ tista' tagħti parir li l-liċenzja ma tingħatax.*

*Kif qed tara f'kull applikazzjoni hemm forma ta' review tal-persuna u tal-kapaċitajiet tagħha, għaliex l-affarijiet jinbidlu u jkun ħażin li aħna li nkunu nafu b'dan il-bdil ma niġbdux l-attenzjoni ta' min għandu jiddeċiedi dwar l-għotja ta' xi forma ta' liċenzja.*

Skużani li ħadtlek daqstant ħin Sir, imma qed tara għaliex niġu għandek, int taħsilna u tixxotana, imma risposta tagħtieha dejjem.

*Ser niskużak għaliex din hija liġi ġdida u fiha ftit x'wieħed iħabbel rasu. Kulħadd, inkluż jien u l-esperti ta' l-Armi qed insibu ċerti diffikultajiet fl-applikazzjoni ta' din il-liġi. Niskużak ukoll għax naf li biex wasalt sa għandi ppruvajt tistaqsi u bqajt l-art.*

Dan kif tafu? Iva sir, staqsejt u ma ħadtx tweġiba sewwa. Imma afli li ma staqsejtx lil ta' l-uffiċju.

*Naf ħabib, għax dak li staqsejtni ġew staqsewh oħrajn, u indikawli li din hija problema ġenerali u l-kelma bdiet miexja. Lil ta' l-uffiċini għamilnielhom laqgħat u għadna għaddejjin sabiex inlaħħqu mal-problemi. Ftakar li ma hu xejn ħażin li ssaqsi anke lil ta' taħtek, għax il-front liners kultant ikollom ir-risposta ta' l-esperjenza u tat-tagħlim li int tkun għadek ma ħbatx magħha mill-uffiċju tiegħek.*

Mela issa ser inkun fi drinn drinn.

*X'taħseb...*

Grazzi Sir,

*Xejn, dover.*










# EXQUISITE

*for that very special*
*&*
*intimate occasion*

BACCHUS
FINE DINING

Hospitality assured

The Definitive(ly) GoodGuide Co. RESTAURANTS in Malta & Gozo

INGUANEZ STREET - MDINA
reservations 21 454981 e-mail: reservations@bacchus.com.mt
www.bacchus.com.mt

# Għoti ta' Ċertifikati ta' Kommendazzjoni



Nhar il-Ħadd 7 ta' Jannar, 2007, il-Kummissarju għalaq iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied b'riċeviment li sar għal ex-membri tal-Korp. Din is-sena din l-attivita' kienet amalgamata ma' l-għoti ta' ċertifikati ta' kommendazzjoni, għal ewwel darba f'ħafna żmien reġgħet ġiet introdotta l-għoti ta' Shield għat-tnaqqis fir-rata ta' kriminalita' fuq bażi ta' Distrett kif ukoll premju għal aħjar Uffiċjal tal-Pulizija.



Wieħed ma jistax jonqos u jfaħħar l-attendenza sabiħa li kien hemm din is-sena, fejn ta' kull sena dejjem qed tikber, kwazi kwazi trid titkabbar is-Sala li tilqa' fiha dan l-avveniment.

Wara l-Quddiesa, li kienet iċċelebrata mill-Kappilan tal-Korp Fr Raymond Bonnici OFM Cap u Fr Karm Busuttil u li kienet animata minn Brother Claudio Falzon OFM Cap bdiet iċ-ċerimonja għall-għoti ta' premjijiet permezz tad-dħul tal-Colours tal-Korp akkumpanjata mill-bandiera tal-pensjonanti, segwiti mid-daqq tat-tnabar u dak tal-bagpipes. Ċerimonja li kienet mimlija sinifikat. Bid-daqq ta' l-Innu Nazzjonali Malti infetaħ is-separju għaċ-ċerimonja ta' l-għoti taċ-ċertifikati.



Kif ġew imqassma ċ-ċertifikati, ix-Shield kif ukoll il-premju għall-aħjar Uffiċjal, kien imiss il-kelmtejn ta' l-okkażżjoni tal-Kummissarju. Is-Sur Rizzo saħaq illi okkażżjoni bħal din turi kemm il-Pulizija qiegħed viċin iċ-ċittadin, anke jekk xi kultant tfisser li jpoġġi ħajtu f'xi tip ta' periklu sabiex isalva lil ħaddieħor.

Sostna illi għandna nitgħalmu minn ġesti bħal dawn fejn juru li l-Korp huwa uman daqs ħaddieħor kif ukoll għandu qalb li taf tħoss, forsi kuntrarju ta' dak li xi kultant jinkiteb fuq il-Korp. Irringrazzja lill-familjari li dejjem kienu pilastri soda għall-membri tal-Korp, fejn sostna li dawn huma l-membri li jagħmlu d-differenza fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minnha. Is-Sur Rizzo għalaq billi awgura lil kulħadd il-festi t-tajba u rringrazzja lil kulħadd tax-xogħol siewi li jsir.



**Ċertifikat ta' Kommendazzjoni**

2nd SM 45 Marisa Bartolo
PS 358 Malcolm Bondin
PS 612 Theodore Vella
PC 102 Anthony Portelli
PC 153 Lydon Zammit
PC 257 Godwin Scerri
PC 313 Domenic Busuttil
PC 405 Jason Schembri
PC 527 Stephen Camilleri
PC 533 Peter Paul Sheehan
PC 649 Darren Decelis
PC 944 Godwin Caruana
PC 972 Carmel Fiteni
PC 1256 Simon Schembri
PC 1277 Herman Spiteri









PC 1493 Philip Borg
PC 1511 Kevin Tabone
WPC 258 Bernardette Valletta

**Shield għad-Distrett li jnaqqas l-aktar persentaġġ ta' kriminalita'**

L-aktar Distrett li rnexxhielu jnaqqas ir-rata ta' kriminalita' b'aktar minn 22 fil-mija kien mir-Reġjun 'B', dak tas-7 Distrett – li huma magħmul mill-Hamrun, Marsa, Rabat, Dingli,



Jirtiraw din ix-Shield f'isem id-Distrett kien hemm l-Assistent Kummissarju Paul Sammut, is-Supretendent Charles Bartolo flimkien ma' l-Ispetturi Mario Tonna u Nezrin Grixti.

Għalkemm is-sehem tal-membri fi ħdan it-Taqsima Mobbli tal-Korp tal-Pulizija ma kinitx eleġibbli li tieħu sehem fil-kompetizzjoni tat-trofew tad-Distretti, din xorta ġiet premjata. Kulħadd jaf kemm xogħol u sehem dawn il-membri jafu jkunu detrimentali fis-support kontinwu li jagħtu kemm lid-Distretti kif ukoll lil Branki fi ħdan il-Korp.



Għaldaqstant kienu premjati b'ċertifikat ta' mertu fejn l-Assistant Kummissarju Emanuel Cassar, is-Supretendent Pierre Calleja u l-Ispettur Anthony Agius irtiraw iċ-ċertifikat f'isem il-membri kollha li huma stazzjonati l-iskwadra Mobbli tal-Korp.

Il-premju għall-aħjar uffiċjal tas-sena intrebaħ minn Pc 972 Carmel Fiteni

Wara din iċ-ċerimonja ħadna ftit kummenti mingħand tlett membri li kienu għadhom kif ġew ippremjati.



Is-Surġent Maġġur 45 Bartolo qaltilna illi meta kienet għadha stazzjonata t-taqsima ta' Kontra d-Droga kienet imsejħa l-Isptar San Luqa fuq każ ta' teħid ta' droga. Ħaġa pożittiva minn dan l-avveniment sfortunant kienet is-sinċerita' tal-ġenituri li riedu jgħinu lil binthom toħroġ mill-vizzju tad-droga, ħaġa li mpressjonat bil-kbir lis-Surġent Maġġur Bartolo.

Minn dak in-nhar, speċjalment fil-ħin liberu tagħha, is-Surġent Maġġur dejjem offriet l-għajnuna u l-assistenza tagħha, speċjalment waqt xi inkwiet li t-tfalja kienet toħloq. Il-ġenituri qatt ma beżgħu mis-sagrifiċċji li kellhom jagħmlu, jew li jikkollaboraw mal-Pulizija sabiex binthom toħroġ mill-vizzju tad-droga. Kien hawnhekk li bil-paċenzja u d-determinazzjoni li jaf jofri biss Pulizija, li illum din it-tfalja qabdet it-triq tas-sewwa, bi ftit tbeżbież milli taf tagħti s-Surġent Maġġur Marisa sabiex it-triq tan-nieżla qatt ma terġa' tinqabad.



F'ġurnata sabiħa li taf tofri biss il-ħarifa Maltija, il-Kuntistabbli 257 Godwin Scerri ħataf l-opportunita' u rħilha mal-familja għal ftit ħin fil-kampanja. Iż-żmien ta' Ottubru jfisser il-pass ta' ħafna speċi ta' għasafar minn fuq il-gżira Maltija. Il-familja ta' Scerri affaxxinat ruħha bin-numru ta' igretti mill-bojod li kienu għadde-

**LAFERLA**
INSURANCE AGENCY LIMITED

agents for

**Middlesea Insurance p.l.c.**



*marine cargo*



*home*



*motor*

COM: 636B



*health*



*theft*



*travel*

At Laferla, it's not just the **price** that makes our products attractive but it's also our **prompt claims settlement** which gives **peace of mind** to our clients.

We also reward our clients' loyalty by giving them **discount vouchers** every time they purchase or renew an insurance policy with us.

**We offer all classes of insurance:**

Motor – Private Medical (Laferla Healthplans) – Home – Travel –
Shop / Commercial – Fire – Theft – Personal Accident – Marine Cargo - etc.




Contact us for a quotation FREE OF CHARGE at:
Laferla Insurance Agency Limited, Vincenti Buildings, Old Bakery Street, Valletta VLT 09. Tel: 2122 4405, 2124 0828/9 Fax: 2124 0811 Website: www.laferla.com.mt

Laferla Insurance Agency Limitied is licensed to act as an insurance agent for Middlesea Insurance p.l.c. and both companies are authorized to transact insurance business by the Malta Financial Services Authority



# Not all markets deserve the word "super"

THE PRICE CHOPPER IS NOW AT ST. VENERA TOO!







Park Towers
THE PRICE CHOPPER
SUPERMARKETS

Spend Lm40 and get 1 free case of local mineral water & 1 free case of local soft drinks!







**Butcher · Delicatessen · Bakery · Fresh Fruit & Veg · Wines & Beverages**

The Mall, Park Towers, St. Julians - Tel: 2137 8520 Fax: 2138 8241 • Psaila Street, St Venera - 2148 0807 Fax: 2148 5559

jin minn fuqhom, speċjalment meta ftit minn dawn niżlu ftit 'il bogħod minn fejn kienu huma.

Kien hawnhekk li bdew jinstemgħu xi tiri fid-direzzjoni ta' dawn l-għasafar u Scerri lemaħ ukoll żewġ persuni li kienu armati bis-snieter. Kien hawnhekk li Scerri talab l-għajnuna ta' sħabu mit-Taqsima ta' l-ALE.

Ftit ħin ta' ħsieb u Scerri ħaseb li jekk jistenna lil sħabu dawn il-kaċċaturi jilħqu jitilqu minn fuq il-post bit-tajr protett b'kollox. Meta ra li ż-żewġ persuni dak il-ħin kienu bla flokk, mxarba u b'xi ħaġa mgezzwra f'idejhom Scerri għokrietu ftit għajnejh. Kien hawnhekk li affronta lil dawn il-kaċċaturi billi ddentifika ruħu bħala Pulizija.

Saret tfittxija fil-vetturi ta' dawn il-persuni fejn instabu numru ieħor ta' igretti mejta, li wieħed tajjeb jgħid li din hija waħda mit-tjur protetti li għandna f'pajjiżna. Il-każ waqa' f'idejn il-membri ta' l-ALE li waslu fi żmien qasir fuq il-post.

Hija l-prassi tal-Kuntistabbli 972 Carmel Fiteni li jara li waqt li jkun xogħol, in-nies tal-lokalita' fejn ikun qed jagħmel għassa jkunu sorveljati għal kontra kull tip ta' għawġ.



Waqt waħda mirrondi li Fiteni kien qiegħed jagħmel fix-xahar ta' Ġunju fil-viċinanzi tal-Kunsill Lokali tal-Birgu nduna li kienet qegħda ssir serqa. Fil-ħin li Fiteni wasal fuq il-post ra tliet persuni li kienu mgħammda u armati b'diversi oġġetti – lieva, flixkun tal-ħġieġ u basket, ħerġin mill-Kunsill Lokali.

Il-ħallelin taw is-salt għal Fiteni li dan minn naħa tiegħu prova jwaqqafhom, fejn anke f'xi ħin kien irnexxielhu jaqbad tnejn mill-ħallelin, li sfortunatament ħarbulu. Kif il-ħallelin raw li kienu ser ibatu sabiex jeħilsu minn dan il-Pulizija ħarbu minn fuq il-post bil-Kuntistabbli Fiteni jiġri warajhom.

Intalbet l-għajnuna kemm tal-Pulizija tad-Distrett kif ukoll ta' l-Iskwaddra Mobbli fejn it-tliet ħallelin inqabdu fi żmien qasir wara d-diversi tfittxijiet li għamlet il-Pulizija fl-inħawi tal-madwar.

Il-Kuntistabbli Fiteni f'dan l-istant ma qadx iqis x'tip ta' arma dawn il-ħallelin seta' kellhom, jew li kien wieħed kontra tlieta, jew li seta' kien hemm iktar nies jistennew x'imkien ieħor. L-interess tal-Kuntistabbli Fiteni kien li jaqbad lil min kien għadu kif wettaq reat – reat li seta' kellu konsegwenzi ferm akbar.











# YOUR SECURITY PARTNERS

## WHEN AND WHERE IT MATTERS MOST



From the outset Shield have sought to generate credible operational capabilities based on proven methods of security risk assessment and an emphasis on the belief that staff development and education play a key role in securing organizations from within. To this end we have fostered a number of associations with international organisations of long-standing repute which will enable us to reach our longer term objectives. We also subscribe to a number of leading journals in the field and generally leave no stone unturned in maintaining an acute awareness of existing threats and emerging risks,

Shield are the exclusive local representatives of the Department of Criminology, University of Leicester, formerly known as the Scarman Centre.

The Department is recognised today as the leading global institution in the research and higher studies involving organisational security and risk management, policing, risk, crisis and disaster management, and criminal justice. The courses offered are renowned for their academic excellence and much sought after by students seeking MSc levels or Post Graduate Diplomae worldwide. Established in 1987, the Centre now proudly over 900 students in 60 countries. SHIELD are proud to represent the Department as sole representatives in the Maltese Islands. The Distance Learning Courses offered by Scarman are the following:

* MSc/Postgraduate Diploma in Community Safety
* MSc/Postgraduate Diploma in Criminal Justice
* MSc/Postgraduate Diploma in Health & Safety Management
* MSc/Postgraduate Diploma in Policing & Public Order Studies
* MSc/Postgraduate Diploma in Risk, Crisis and Disaster Management
* MSc/Postgraduate Diploma in Security Management
* MSc/Postgraduate Diploma in Security and Risk Management
* Undergraduate Diploma/Certificate in Security Management

**SHIELD**
SECURITY CONSULTANTS

Suite 2 Network Building, Industrial Zone, Mriehel BKR 14 Malta Tel: +356 21 446 980 Fax: +356 21 497 045 Cell: +356 99 424 811
E-mail: consult@shield.com.mt

**www.shield.com.mt**

# Żjara Uffiċjali tal-President ta' Malta fl-Akkademja tal-Pulizija

Nhar il-Ġimgħa 26 ta' Jannar, 2007, il-President ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu Dr. Edward Fenech Adami għamel żjara uffiċjali fl-Akkademja tal-Pulizija fil-Forti Sant'Iermu. Waqt din iż-żjara kien hemm preżenti l-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dr. Tonio Borg, is-Segretarju Parlamentari Dr. Carmelo Mifsud Bonniċi, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo, il-Kmandant ta' l-Akkademja s-Sur Ronald Kelly, Uffiċjali għolja tal-Korp, iċ-Chairman tal-Bord ta' l-Akkademja s-Sur Joe Sammut kif ukoll diversi għalliema ta' l-Akkademja.



Dak iż-żmien 135 rekluta, fosthom 32 tfajla, kienu qed isegwu kors ta' taħriġ fl-Akkademja tal-Pulizija. Dan il-kors, li beda fit-23 ta' Ottubru tas-sena l-oħra, intemm fit-22 ta' Frar meta dawn ir-rekluti ħadu l-ġurament tal-ħatra u daħlu membri fil-Korp tal-Pulizija fir-rank ta' Kuntistabbli. Dawn ir-rekluti ingħataw taħriġ f'suġġetti li għandhom x'jaqsmu direttament max-xogħol tal-Pulizija kif ukoll f'temi oħra bħal *first aid, customer care, leadership u communication skills.*

Il-President ta' Malta ingħata l-opportunita' li jdur l-Akkademja fid-dettal fejn segwa lir-rekluti fit-taħriġ tagħhom, fosthom fid-*drill* u fil-*gymnasium* fejn dak il-ħin kienet għaddejja sessjoni ta' *unarmed combat.* Huwa dar u segwa diversi lezzjonijiet fil-*lecture rooms* fosthom dawk fil-liġi, kif ukoll fis-*shooting range* fejn hemmhekk kien qed isir taħriġ fl-isparar. Il-President ta' Malta żar ukoll l-*assault course*, id-dormitorju u l-*computer room.*



Waqt din l-okkażżjoni saret preżentazzjoni ta' erba' *wheelchairs* mir-rekluti lill-President ta' Malta għall-użu tal-Community Chest Fund. Dawn il-*wheelchairs* inxtraw fuq inizjattiva tar-rekluti billi b'sens altruwistiku ġabru l-flus bejniethom għal dan il-għan. Ta' dan il-President irringrazzja mill-qalb lil dawn ir-rekluti. Dan l-aħħar ir-rekluti, bħala parti mill-kors tagħhom fl-Akkademja qattgħu ukoll ġimgħa f'22 istituzzjoni filantropika differenti fejn hemmhekk taw is-sehem tagħhom fil-ħidma ta' kuljum kif ukoll taw id-demm permezz ta' Mobile Blood Unit li żaret l-Akkademja tal-Pulizija.

Fl-aħħar ta' din iż-żjara saru kelmtejn ta' l-okkazzjoni mill-Kmandant ta' l-Akkademja, mill-Kummissarju tal-Pulizija, mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern u mill-President ta' Malta. Il-Kmandant ta' Akkademja tkellem dwar it-trasformazzjoni li qed jagħddu minna r-rekluti fejn daħlu bħala zgħazagħ normali u ħerġin bħala membri tal-Korp tal-Pulizija. Il-Kmandant tkellem kif dawn ir-rekluti sa ftit żmien ilu forsi kienu jsibu kollox lest id-dar mentri issa fl-Akkademja tgħallmu jkun ħafna aktar iddixxiplinati.

Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kelmtejn tiegħu saqah fuq l-importanza tat-taħriġ kemm għar-rekluti kif ukoll għall-membri kollha tal-Korp. Fil-fatt huwa semma li minbarra l-*in-service sourses* għall-membri tal-Korp inkluż il-fizzjali issa bdiet titħaddan sistema ġdida fejn membri tal-Korp qed jingħataw ammont ta' sigħat ta' taħriġ kull xahar f'suġġetti differenti bħal *first*





*aid* u *fire-arms handling*. Semma ukoll il-*lectures* ta' kull nhar ta' Sibt għal fizzjali li issa ilhom għaddejjin għal żmien twil kif ukoll *lectures* oħra li jsiru għall-membri tal-Korp minn żmien għal żmien dwar emendi fil-liġijiet. Il-Kummissarju tenna li bit-taħriġ kulħadd ikun ippreparat aħjar f'xogħolna għax żball min-naħa tal-Pulizija jista' jkun detrementali.

Il-Ministru Dr Tonio Borg iddeskriva l-Akkademja tal-Pulizija bħala l-mutur tal-Korp tal-Pulizija. Il-Ministru spjega kif il-Pulizija ġeneralment tiltaqa' mal-membri tal-pubbliku mhux f'okkażżjonijiet sbieħ iżda meta jkunu fi stat ta' ansjeta' jew paniku speċjalment wara li jaqgħu vittmi ta' xi reat jew involuti f'xi aċċident. Il-pubbliku iżda kostantament juri l-apprezzament tiegħu lejn il-Korp tal-Pulizija għall-għajnuna li jirċieva f'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet. Dr Borg ikkonkluda billi qal li l-uniformi tagħtina ċertu drittijiet partikolari iżda iżżidilna aktar obbligi lejn iċ-ċittadin. Il-Ministru Tonio Borg faħħar ħafna l-altruwiżu ta' dawn ir-rekluti għal ġest sabiħ illi għamlu.

Il-President ta' Malta Dr Fenech Adami stqarr li għalkemm ġieli żar l-Akkademja kien pjaċir għalih li jerġa' jżur dan il-post u jsegwi mill-qrib it-taħriġ li jsir fiha. Il-President qal li l-Korp igawdi minn stima kbira mill-pubbliku pero' xorta hemm bżonn li n-nies ikunu konxji tax-xogħol siewi li jsir fl-Akkademja u fil-Korp. Dr Fenech Adami tenna li l-uniformi ittik dinjita' u tkellem ukoll dwar il-fatt li l-Pulizija għandhom ikunu *leaders* fis-soċjeta' għaliex għandhom jieħdu ċertu deċiżjonijiet. Huwa ikkonkluda billi qal li bħala President huwa kburi bil-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Il-President ta' Malta irringrazzja ukoll lir-rekluti għall-preżentazzjoni tal-*wheelchairs*.



Tower Supermarket complex

SHOP AT
TOWER SUPERMARKET COMPLEX
AND ENJOY
THESE FANTASTIC OFFERS

FREE

1x6 Aquavita (2Litre)
**with every Lm25 spent**



1x6 Aquavita (2Litre)
+ 1x6 Pepsi (1Litre)
+ 1Voucher
**with every Lm50 spent**




Tower Supermarket Complex, High Street, Sliema.
Tel: 21 345 586, Fax: 21 346 868, www.towersupermarket.com

INNOVATIVE FLOATING SOLUTIONS



Jetfloats are single modular units made of high density polyethylene. The units can be interlocked to form any floating structure that is desired. Jetfloats are durable, maintenance free, convenient, safe and environmentally friendly.

**PERFECT FOR:**
Jetties, marinas, yacht harbours, jetboat 'driveon system', recreational platforms with swimming pools, diving platforms, Navy, coastguard, river/harbour police, mobile jetties, offshore fish farming, aquaculture, working platforms.

**THE ADVANTAGES:-**
- No repair and maintenance costs
- Easy to assemble
- No crane needed
- Partial assembly on land and in water
- Extension/alteration in steps of 50cm
- Can be dismantled
- Stackable
- High resale value
- No sharp edges, corners or connecting parts

**RELIABILITY:**
- Employable offshore (wave and storm proof)
- No material fatigue or weathering
- Longlife – can be used for decades
- Resistant to salt water and acids
- Extremely resistant to UV rays

JACK SERRA LTD

Jetfloat™

Level 4, Mon palao Buildings, Tower Road, Msida. Tel: 21 330918, Fax: 21 331143 E-mail: eurpani@jackserra.com Website: www.jackserra.com


DRIVING STRAIGHT
TO THE POINT
MALTESE MAPS AVAILABLE
ON GARMIN GPS
FULL ADDRESS SEARCH
ROUTING
VOICE PROMPTS
datatrak
Medcomms Limited
MARINE ELECTRONICS
GARMIN
4, Msida Road, Gzira. Tel: 2133 5521 Fax: 2131 0820 Mob: 7947 1291
admin@medcomms.com.mt www.medcomms.com.mt

Ristorante Del Capo
gusto siciliano
A fine restaurant specializing in fresh fish, antipasti, pasta & fresh grilled steaks. The ideal place for exquisite dining prepared by our top Sicilian chefs.
There is no better way to dine than the Sicilian way!
We guarantee to keep serving you with the very best in Sicilian cuisine.
Se non qui......a chi ?!
Open : Monday to Saturday
for Lunch & Dinner
Sunday Lunch only
~ Terrace dining ~
Sliema Car Park, Roof Level Tel : 21 335 778 / 21 335 944 / 9945 9573
FREE PARKING

TEX MEX®
BAR & GRILL
Serving the best ribs in town, amazing grills...pizza & pasta. Great portions and a fantastic atmosphere for party events!!
132a Tower Road, Sliema tel : 21 318 943

Our vision:
"Aspiring to be an international benchmark for customer centric and cost efficient Total Logistic Solutions."
Emmanuel Vella & Sons LIMITED
www.emmvs.com
EXPRESS TRAILERS
www.expresstrailers.com
EXPRESSFREIGHTS LIMITED
www.expresstrailers.com
Eyre Travel Ltd
www.eyretravelmalta.com
VELBRO HOUSE, QORMI ROAD, LUQA LQA 05, MALTA



Rosanne Cauchi
Akkademja tal-Pulizija

# L-Importanza ta' Leadership skills fix-xogħol tal-Pulizija

Nhar il-Ġimgħa 26 ta' Jannar, il-President ta' Malta, l-Onor. Dr Edward Fenech Adami, għoġbu jagħmel żjara fl-Akkademja tal-Pulizija. Jiena ġejt mistiedna bħala waħda mill-*lecturers* biex niltaqa' miegħu u nispjegalu parti mix-xogħol tiegħi. Il-President għamel mawra ma' l-Akkademja u wara miss it-turn li jidħol fil-*lecture room* fejn kont jien flimkien ma' grupp ta' rekluti. Beda jistaqsini ħafna mistoqsijiet u fost l-oħrajn staqsini x'inhuwa s-suġġett li ngħallem. Weġibtu li l-materja tiegħi hija *Leadership* and *Interpersonal Skills.* Deher interessat ħafna u għaldaqstant kompla jagħmilli aktar mistoqsijiet dwar is-suġġett. Wara xi ħin il-kontinġent ħareġ mill-klassi u kulħadd seta' jerġa' jiġi *at ease.*

Għadda xi ħin u wasal il-waqt biex issir il-preżentazzjoni ta' erba' wheelchairs li kienu ser jagħmlu r-rekluti. Fuq kollox din kienet ir-raġuni prinċipali għalfejn ġie mistieden il-President. Għaldaqstant bdew id-diskorsi mill-Kmandant ta' l-Akkademja, mill-Kummissarju tal-Pulizija, mill-Ministru u fl-aħħar mill-President. F'nofs id-diskors tiegħu, il-President qal li b'sodisfazzjon innota li barra s-suġġetti li għandhom x'jaqsmu direttament mall-Pulizija, innota li ġewwa l-akkademja qegħdin jiġu mgħallma suġġetti oħra bħal *Leadership Skills.* Hawn hekk qalbi xegħelet. Tgħidx kemm ħassejtni kburija. Barra minn hekk bejni u bejn ruħi għidt: prosit kemm jinnota u kemm qagħad attent għal dak li kont għidtlu. U hawn l-President beda jispjega kemm hu tajjeb li Pulizija jkun *leader* tajjeb u kemm hija kwalita' mportanti li tgħin lill-Pulizija fix-xogħol tagħhom.

Naturalment vera naqbel ma' dak li qal il-President, mhux biss għax ngħallem is-suġġett iżda għax vera nemmen li kull membru tal-Pulizija għandu / għandha bżonn ta' *leadership skills* tajbin biex jgħinuh / jgħinuha fil-qadi tad-dmirijiet.

## Għaliex *Leader*?

Kulħadd jaf li x-xogħol tal-Pulizija fil-maġġoranza kbira tiegħu għandu x'jaqsam mal-pubbliku. U dan ta' l-aħħar ħafna drabi jkollu bżonn min imexxih, min jiggwidah, min itih parir tajjeb u ta' għajnuna. Membri tal-Pulizija jkollhom bżonn *leadership skills* waqt li sempliċement qegħdin imexxu t-traffiku sa waqt l-aktar biċċa xogħol ikkomplikata li tista' tinqala'. U aktar ma' l-persuna ikollu kariga għolja, aktar ikollha bżonn *leadership skills.* Aktar ma tkun qed tmexxi grupp ta' nies kbir, kemm jekk huma nies ta' taħtek fil-Korp, kif ukoll nies tal-pubbliku, aktar trid tkun kapaċi bħala leader: konvinċenti, *assertive,* taf x'inti tagħmel, kapaċi tieħu deċizjoni tajba, kultant f'ħin verament qasir.

*Police Forces, like all organizations, need competent leaders, effective organizational performance requires competent leadership and a competent workforce......it is suggested that competency can represent the focus of strategic human resource initiatives to support the organization in achieving its mission (Wigfield, 1996, p. 99)*

M'hemm l-ebda definizzjoni diretta ta' x'inhu *leader.* Biss jekk ikollok tfittex f'dizzjunarji jew kotba oħra ta' referenza, dejjem ser issib xi ħaġa fuq termini ta': *the ability to get things done under the right circumstances.* Biss l-akbar challenge ta' kull *leader* hija li jeżamina / teżamina u jifhem / tifhem il-problemi u l-parametri ta' dak li jagħmel leader tajjeb. U fejn jidħlu Pulizija, jingħad li *leadership is the process of moving police personnel in some direction, mostly through their willingness to go.*

## U x'inhu li jagħmel *leader* tajjeb?

Hemm ħafna teoriji f'dan ir-rigward. Per eżempju hemm it-*Trait Theory* li tgħid li hemm numru ta' karatteristiċi li jiddistingwu leader tajjeb. Dawn ħafna drabi huma kwalitajiet li bihom il-persuna tiddistingwi ruħha minn oħrajn. Eżempju ċar ta' dan huwa meta tkun qed tosserva grupp ta' tfal jilgħabu: mill-ewwel tinduna min ikun il-*leader* u min ikun il-*follower.*

Hemm ukoll il-*Behavioural Theory* li tgħid li l-aktar ħaġa li tagħmel *leader* m'hiex il-kwalitajiet, iżda l-mod kif iġib ruħu f'ċirkostanzi differenti: *x'jagħmel* u *kif.* Minn dan kollu tkun tista' tara l-bniedem xi jsarraf u xi kwalitajiet ta' *leadership* għandu. Marbuta ma' din it-teorija hemm is-*Situational Theory* li tgħid li l-leaders jiddistingwu ruħhom mis-sitwazzjoni jew iċ-ċirkostanzi li jkunu fihom. Terġa' hemm nies li huma *leaders* tajbin f'ċertu ċirkostanzi iżda mhux daqstant f'ċirkostanzi oħra. Per eżempju, uffiċjal tal-Pulizija jkun l-aqwa *leader* biex joqgħod madwar mejda u jiddiskuti man-nies tiegħu kif ser isolvi delitt, iżda mbagħad l-istess persuna forsi ma jkunx kapaċi jmexxi fi *crowd control.* It-tip ta' nies li jkunu qed jiġu mmexxija jagħmel ukoll differenza.

Pulizija hemm bżonn li jkunu nies assertivi, b'kapaċitajiet qawwija ta' *leadership.* Kollha nafu li ħafna drabi l-pubbliku jirrikorri għand il-Pulizija waqt kriżi jew minħabba xi problema. U jkun dan il-ħin li l-membru tal-Korp ikollu bżonn juri l-kapaċitajiet ta' tmexxija li jitlob dan ix-xogħol. Hawn min jitwieled *leader,* iżda llum t-teorija tgħid li hemm *leadership traits* għand kull persuna u sta għal dak li jkun li jiżviluppa dawn il-kapaċitajiet u kwalitajiet. U kull membru tal-Korp irid jara li dan isir, ġurnata wara l-oħra. Wara kollox li tkun *leader* tajjeb jagħmillek xogħolok bħala membru tal-Pulizija ħafna aktar faċli u jagħmlek bla dubju aktar effiċjenti.

# Is-27 Kors Baziku ta' Taħriġ għar-Rekluti fi ħdan il-Korp tal-Pulizija

Nhar il-Ħamis 22 ta' Frar, 2007 saret il-parata tat-tmiem is-27 Kors Bażiku ta' taħriġ għar-rekluti fi ħdan il-Korp, ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija.



Iċ-ċerimonja bdiet bid-daħla tal-Banda tal-Korp fejn warajhom daħlu r-rekluti. Rappreżentant minn kull skawdra ħa sehem fit-tlugħ tal-bnadar, dawk ta' l-Akkademja, ta' Malta kif ukoll tal-Korp tal-Pulizija.

Fr Raymond Bonniċi OFM, il-Kappillan tal-Korp talab sabiex il-Mulej iżomm idejh fuq il-Pulizija l-ġodda u jkunu denji ta' l-uniformi li ser jilbsu u li jkun il-motto tal-Korp Domine Dirige Nos, il-Mulej imexxina, jiggwidhom matul il-karriera tagħhom. Il-Kappillan talab sabiex il-Mulej iħarishom u jtihom il-kuraġġ u l-għerf meħtieġ sabiex ma jaqawx għat-tentazzjonijiet li x-xogħol jista' jippreżenta.



Il-Kmandant tal-Parata l-Ispettur Stephen Mallia stieden lill-Ministru Dr Tonio Borg kif ukoll lill-Kummissarju sabiex jispezzjonaw ir-rekluti, li wassal għal moment tant mistenni - dak tal-ġurament.



It-tmiem ta' kull kors jara' l-premjazzjoni ta' dawk li jkunu ddistingwew rwieħhom, u fl-Akkademja ssir il-premjazzjoni għal dawk ir-rekluti li jiġu fl-ewwel tlett postijiet kif ukoll għal dak jew dik l-aħjar rekluta. L-ewwel fil-grupp ġie PPC Owen Farrugia, bit-tieni post imur għal PWPC271 Zvetlana Bugeja u t-tielet post imur għal PPC31 Mario Farrugia. Ix-shield Mark Farrugia għall-aktar rekluta li ddistingwa ruħu ħadha PPC737 Kurt Dilon Underwood.

Sar diskors ta' l-okkażżjoni minn PPC737 Kurt Underwood fejn qal li dan l-avveniment seta' biss iseħħ wara preparamenti li seħħew f'dawn l-aħħar erba' xhur. Il-battalja setgħet biss tintrebaħ permezz ta' dixxiplina u dedikazzjoni li ġew mgħallma u mnissla minn edukaturi u Pulizija li bil-paċenzja u dedikazzjoni raw li kull rekluta jkollha l-għodda meħtieġa għal din il-vokazzjoni.

Sar ringrazzjament lil familjari li f'dan l-aħħar erba' xhur kienu s-sisien warajhom sabiex waslu fejn jinsabu llum.

Prosit tax-xogħol li għamiltu kemm ilkom f'din l-Akkademja tal-Pulizija. Prosit lil ġenituri tagħkom. Hekk beda l-kliem ta' l-okkażjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo meta laqa' lil 135 rekluta fi ħdan il-familja kbira tiegħu tal-Korp tal-Pulizija.



Is-Sur Rizzo sostna illi ż-żmien li huma qatgħu ġewwa l-Akkademja kien żmien li ssawwar fihom is-sens ta' dixxiplina u responsabbilta', kien żmien fejn huma tħarrġu fid-diversi elementi li jagħmlu Pulizija tajjeb, Pulizija li jaf imur ma' kull ċirkostanza, Pulizija li jaf iżomm sieqU ma' l-art.



Fil-Korp tal-Pulizija t-tagħlim huwa mportanti u ma jispiċċa qatt. Ma jfissirx li issa għax sirtu Pulizija sirtu bravi f'kollox u ma għadx fadal il-bżonn li tistudjaw kompla l-Kummissarju. It-tagħrif fix-xogħol tagħna huwa mportanti speċjalement li nżommu rwieħna nfurmati f'dawk l-oqsma li l-aktar jolqtuna bħala Pulizija bħal tibdil fil-liġijiet, proċeduri u policies tad-Dipartment fost oħrajn. Ma nistgħu qatt nkunu Pulizija tajba jekk ma nkunux preparati u mħarġa sew fil-qadi tad-doveri tagħna sostna l-Kummissarju.

Sabiex kull membru tal-Korp ikun imħarreġ sew, għax taf kemm taf qatt mhu bizzejjed, il-Kummissarju qal li ser jibdew jingħataw numru ta' siegħat kull xahar f'dawk is-suġġetti relatati max-xogħol tagħna. Dan, stqarr il-Kummissarju "hekk biss nistgħu nkunu Pulizija effiċjenti u professjonali fuq livell ta' Pulizija oħra barranin".

Il-Kummissarju għalaq id-diskors billi awgura lir-rekluti l-ġodda u fakkar fil-ġurament tal-ħatra, ġurament li dejjem tkunu leali u onesti u ntegri lejn ir-Repubblika ta' Malta u ċ-ċittadini tagħha. "Il-Pulizija huwa t-tarka taċ-ċittadin, l-protetturi tal-vittmi tal-kriminalita' u ta' dawk il-persuni li d-drittijiet tagħhom b'xi mod jiġu mitifsa. Illum intom ser ikollkom poteri li ċ-ċittadin ma għandux u huwa mportanti li dawn il-poteri intom tużawhom sew u dejjem skond kif titlob il-liġi. Qatt tabużaw minn dawn il-poteri. Taħt it-tlellix ta' l-uniformi għandna responsabbiltajiet kbar ħafna. Ejja ħa nkunu eżemplari il-ħin kollu bl-imġieba tagħna. L-uniformi tal-Pulizija hija s-simbolu tas-sewwa, tal-ġustizzja u tal-ħaqq – tkażbruhiex".



Fid-diskors tiegħu l-Ministru tal-Ġustizzja u Intern Dr Tonio Borg LL. D sostna illi "l-uniformi rridu nieħdu ħsiebha għax hija mportanti li ttina drittijiet u doveri u privileġġi li bħala Ministru jien ma għandiex pero' ittikom ċertu piżijiet". Għamel appell lil familjari fejn ħeġġiegħom isostnu l-membri li għażlu din il-karriera speċjalment meta jiġu fuqhom mumenti koroh, meta jaħsbu li laħqu l-quċċatta tad-dinja, fil-mumenti sbieħ, fil-mumenti li jħossuhom li qed jiġi kollox kontra.



Il-Ministru sostna li xogħol il-Pulizija huwa xogħol skabruż u xogħol diffiċli u huwa hawnhekk fejn tidħol l-għajnuna tal-familjari fejn mhux biss wieħed ikun qiegħed jgħin lil Korp imma l-aktar ħaġa importanti li tkun qed tiġi miġġielda l-kriminalita'.

"Illum huwa jum ta' ferħ u għalhekk huwa mportanti li żżommuh quddiem għajnejkom dan il-jum għax huma jiem li tridu tgħixu kuljum. Prosit, awguri, għandkom karriera quddiemkom, taħluhiex din il-karriera, użawha bħal ma għamel il-Kummissarju li minn Kuntistabbli sar Kummissarju tal-Pulizija u żgur meta taraw hekk timxu l-quddiem".



Wara din iċ-ċerimonja s-Surġent Maġġur tat-Tieni Klassi 16 Martin Cordina għadda l-135 rekluta lis-Surġent Maġġur Charles Zammit sabiex issa jiffurmaw parti mill-familja kbira tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

Wara din iċ-ċerimonja sar riċeviment għal dawk preżenti.

# Sapport Psikoloġiku lill-Uffiċjali tal-Pulizija. GHQ Circular no 178/06



PC 24 Martin Pace
Uffiċju tal-Kummissarju

Il-lum irid nikteb dwar xi ħaġa li illi li kont ħsibt fuqha. It-titlu ta' hawn fuq jgħid dak kollu li ser nikteb f'din il-paġna. Il-membri tal-Korp li huma wkoll membri ta' l-Assoċjazzjoni dejjem xtaqu li jkollna servizz ta' psikologu u/jew ta' psikjatra li jikkumplimentaw is-servizz ta' tabib li għandna fil-Korp. Kellna wkoll xi paġni oħra f'dan il-Magazine miktuba ferm tajjeb minn kollegi tagħna dwar dan il-ħsieb u azzjonijiet assoċjati magħhom. Talba simili għamlet l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija waqt taħditiet fil-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar.

L-Amministrazzjoni tal-Korp ma qagħditx lura u ħadmet tajjeb fuq dan il-punt u permezz ta' ħidma minn wara l-kwinti saru arranġamenti mal-CARITAS sabiex il-Pulizija jkollha fejn tirrikorri f'każ ta' bżonn. Permezz ta' ċirkulari hekk importanti GHQ 178/06, maħruġa nhar is-26 ta' Diċembru 2006, dawk il-Pulizija li jħossu li għandhom bżonn jużaw dan is-servizz issa għandhom il-post u l-mezz fejn jistgħu isibu din l-għajnuna. Għandi nformazzjoni mingħand minn beda juża' dan is-servizz li effetwatu pożittivament u bdew jintelbu xi diffikultajiet li aħna bħala bnedmin ngħaddu minnhom.

Ma tridx tkun għaref sabiex tintebaħ bl-importanza ta' dan is-servizz. Naħseb għaddejtu minn diversi stejjer, episodji jew aħjar ġrajjiet matul il-karriera tagħkom, tul iż-żmien li ilkhom membri fi ħdan il-Korp tagħna li riesaq lejn il-200 sena mill-fondazzjoni. Għalhekk kull għajnuna psikoloġika jew psikjatrika tgħin lilna lkoll.

Jien mhux xi espert fuq dan is-suġġett imma aktar ma jaqagħli xagħri u jibjad, aktar nista' nifhem id-diffikultajiet li żgħażagħ qed jiffaċċjaw magħhom fil-ħidma tagħhom fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

Ser ngħid stejjer fittizji jew aħjar reali, ispirati minn kollegi tagħna meta fetħu qalbhom miegħi ta' dan l-aħħar żmien, liema ġrajjiet żgur li xi ħaddieħor għadda minn xi esperjenza simili u forsi jidentifika ma dawn l-inċidenti jew sitwazzjonijiet. Il-membri tal-Korp huma t-tieni familja tagħna. Nispera li mhux qiegħed ngħid xi ħaġa ta' barra minn hawn. Dawn l-episjodi li ser insemmu jistgħu jkunu x-xintilla li twassalna sabiex nirrikorru għal għajnuna jekk inħossu li jkun hemm il-ħtieġa. Nassigurakhom li il-kunfidenzjalita' ta' dan is-servizz ser jkun mingħajr mittiefes.

**L-ewwel storja:-** Pulizija għassa ma' bank kummerċjali, jsir hold-up fuq dan il-bank. Il-malviventi jagħmlu pistola ma ras dan il-pulizija. Jsir dak li għandhom jagħmlu. Immaġinaw lilkom dak il-ħin minflok dan il-pulizija. Il-ħallelin jieħdu dak li ħadu u telqu l -barra. Għal-grazzja ta'Alla ħadd ma weġġgħa. Tibda tasal l-għajnuna. Pulizija, uffiċjali għolja tal-bank, tobba u psikjatri u dan sabiex jagħtu l-għajnuna lill-ħaddiema li kienu fil-bank u l-klijenti.

Naħseb li wasal iż-żmien li ċerti esperti bħal tabib, psikjatra u / jew psikologu għandhom jiġu msejjħa mill-pulizija sabiex jgħinu lil dan il-pulizija. Barra li l-pulizija għandha tara min wettaq dan id-delitt, u hekk għandu jkun għax dan u xogħolna, għandha wkoll tassisti lil dak il-pulizija li kien għassa mal-bank sabiex jekk kien hemm trawma fuqu din tiġi ass-esjata kemm jista' jkun malajr u jiġi rifer-ut għal-konsulenza.

**It-Tieni storja:-** Tkun l-għassa għal-ħabta ta' xi tmienja ta' filgħodu jkollok xi doveri li għandek tagħmel u jiġi xi ħadd jew il-lum aħjar iċċempel u jinformak li għadu kemm ġara inċident u hemm mara u tarbija magħha li għadhom kemm ġew milquta minn vettura wara li din skiddjat. Il-pulizija jmorru jiġru fuq il-post, jsibu l-mara li għalkemm imweġġgħa gravi mhux fil-periklu tal-mewt, imma t-traġedja t-tifla ......... Ħadd minna ma mar fuq episodju bħal dan jew xi ħaġa simili?

F'aċċidenti fatali huwa assolutament neċessarji li esperti jattendu u jassistu lill-dawn il-membri tal-Korp . U jekk mhux dak il-ħin għax dak il-ħin il-pulizija huma trenjati u preparati għal-dawn l-inċident żgur għandhom jaghtu l-għajnuna u jasses-jaw lill-dawk il-membri tal-Korp li kienu fuq il-post tal-fatalita'. Wasal iż-żmien li jsir xi forma ta' studju sabiex jaraw jekk dawk il-pulizija li kienu fuq il-post jassis-tu l-Maġistrat ta' l-għassa mhux qed ibatu minn xi trawma jew forma ta' stress jew ansjeta'.

**It-tielet storja:-** Pulizija mara jew raġel single parent. Il-lum il-ħajja hi differenti minn xi għoxrin jew tletin sena ilu. Ma għandek li ħadd ma min tħalli lil din il-povra tifla. Ħadt xi loan minn bank sabiex jkollok post fejn torqod. Mhux ser noqgħod intawwal. Mingħajr paga u mingħajr kenn fuq rasek int trid trabbi dik ir-rigal ta' tarbija li għandek. Dejjem tħabbel rasek fejn ser tħalli t-tarbija sabiex tmur għan-night watch, jew min ser imur għat-tifla wara l-iskola. L-unika għajnuna li sibt hi s-solidarjeta ta' xi pulizija li jafu bl-istorja tiegħek li jagħmlu bħas-samaritan it-tajjeb u jgħinu milli jistgħu.

Dawn huma biss ftit mil-ħsibitjiet tiegħi fuq dan is-suġġett tant vast, u nistieden lil dawk li jħossu li għandhom bżonn l-għajnuna jagħmlu użu tajjeb minn dan is-servizz. Minn hawn nirringrazzja minn qalbi lil dawk kollha li taw l-għajnuna tagħhom sabiex jkollna dan is-servizz. Li tifhem li għandek bżonn dan is-servizz huwa diġa' xi ħaġa pożittiva li tista' tkun l-ewwel pass lejn id-direzzjoni t-tajba. Inħalli f'idejkom. Grazzi.

*Sometimes law enforcement officers who are suffering from police stress avoid seeking counseling, often for good reason ( "The Ugly Shrink"). But sometimes stress builds up to a point where they have an episode either of depression or panic that is so disturbing or so blatant that they reluctantly see a therapist, quote from Obstacles to Seeking Help: The Ugly Shrink by Hal*

One Hour Service

THE CATHEDRAL OPTICAL




1 G'Mangia 21 226020/3
2 Fgura 21673332
3 Zebbug 21465768
4 Qormi 21487582
5 B'Kara 21 490213
6 Pinto Opticians (Qormi) 21488950
7 Naxxar 21431152
8 Mosta 21421976
9 Rabat 21450845
10 Luqa 21 895248
11 Attard 21 418315
12 San Gwann 21 383947

Perfumery at G'Mangia

Daysoft UV
One day disposable contact lenses

Sunglasses
* Polar * Cebe
* Oakley
* Arnette * Others




OPEN ALL DAY
at G'Mangia

Mon-Fri: 0830hrs - 1930hrs
Sat 0830hrs - 1230hrs



Persian LIMITED

SOFFITS & GYPSUM WORKS DESIGNED BY PROFESSIONAL DESIGNERS



Importers and suppliers of all types of soffits, gypsum partitions, gypsum boards, gypsum bulkheads, and very good prices on covings, ceiling roses, uplighters, supports, etc.
Free friendly quotation.





122 Old Railway Track, St. Venera
Tel/Fax: 21250962 Mob: 9949 4694






Molimed HARTMANN

Prodotti mahluqin ghall-inkontinenza hafifa, maghmulin b`technologija avvanzata u mahsuba biex ikunu kemm komdi u ma jidhrux




Cempel fuq 21446205 u halli ismek u l-indirizz tieghek. Ikun pjacir taghna li nibghatulek informazzjoni fuq il-Molimed

# L-Identity Card tal-Pulizija



Dr. A. Casha BA LL.D
Supretendent

Dan l-aħħar il-Korp tal-Pulizija ħareġ karta ta' l-identita` (tal-Pulizija) b'format ġdid lill-membri tal-Korp kif ukoll (sa fejn naf jien għall-ewwel darba) lill-pajżana li jaħdmu mad-dipartiment tal-Pulizija. Kien ilu jinħass il-bżonn sabiex l-*id card* tal-Pulizija tiġi aġġornata għaż-żminijiet tal-lum.

Forsi xi wħud jaraw din il-bidla bħala waħda kosmetika. Hemm min jgħid li seta' kien hemm iżjed xi jsir, bħal numru uniku u konsekuttiv għal kull karta ta' l-identita` maħruġa mill-Kummissarju li jiġi rreġistrat bħala kontroll ma' l-isem tal-membru tal-Korp, jew l-użu ta' *'magnetic strip'* fuq kull *ID card* li, minbarra li tista' tintuża, b'mezzi elettroniċi, għal finijiet ta' sigurta` u aċċess ikkontrollat għall-faċilitajiet tal-Korp (kull membru tal-Korp jingħata aċċess skond id-doveri tiegħu u skond fejn ikun stazzjonat) tista' wkoll tintuża f'diversi oqsma oħra, per eżempju fil-"personal issue" għand il-*Quartermaster* jew it-tqassim tal-*fuel*.

Iżda apparat minn dan mhux dejjem nagħtu kas ta' l-importanza ta' din l-*ID card* fiha nnifisha. Din l-*ID card* hi dokument importanti ħafna. Iċ-ċirkolari li ħarġet mill-Kwartieri Ġenerali dwar din l-*ID card* b'format ġdid (GHQ Circular 176/06) titkellem fuq meta l-*ID card* għandha tintlibes fid-deher: fid-depot, mill-Pulizija tad-Distrett, Taqsimiet Speċjalizzati u anke viżitaturi fid-depot. Pero` hemm ċirkolari oħra li titratta dan is-suġġett minn lat ieħor li jikkumplimenta ċ-ċirkolari 176/06.

Fl-1978 ħarġet ċirkolari 69/78 dwar dan is-suġġett u tgħid:

*The Police Identity Card is to be carried on the person of all members of the Force whether in civilian clothes or in uniform.*

Din iċ-ċirkolari ma tidhirx li ġiet imħassra u għalhekk nemmen li għadha fis-seħħ. Jekk iċ-ċirkolari ġiet imħassra, allura għanda terġa tidħol fis-seħħ jew tiġi emendata u kkonsolidata ċ-ċirkolari 176/06 biex tinkludi dak li hemm maħsub fiċ-ċirkolari tal-1978. Dan jagħmel sens speċjalment fid-dawl ta' dak li hemm mitkub fl-Artikolu 12 ta' l-Att dwar il-Pulizija li jipprovdi li:

*Kull Uffiċjal tal-Pulizija għandu jitqies li jkun uffiċjal tal-Pulizija f'kull waqt, kif suġġett għall-ħlas ta' dak il-kumpens li jista' jkun dovut lilu taħt kull liġi jew regolament jew hekk kif il-Kummissarju jista' jistabbilixxi.*

Għalhekk huwa essenzjali li din il-karta ta' l-identita` tal-Pulizija tkun ukoll fuq il-persuna ta' kull membru tal-Korp kemm jekk uffiċjalment fuq xogħol kemm jekk le. Mhux xi ħaġa rari li membri tal-Korp li kienu *off-duty* intervjenew biex jassistu l-pubbliku jew anke prevedew milli jsiru reati u anke arrestaw xi persuni.




Pero` x'saħħa legali għanda din il-karta ta' identita` tal-Pulizija?

L-Att dwar il-Pulizija (Kap 164) fir-Raba' skeda dwar l-Interrogazzjonijiet tistabilixxi li l-membri tal-Korp preżenti waqt l-interrogazzjoni, għandhom jiddentifikaw ruħhom – pero` ma tgħid xejn kif jew b'liema mezz din l-identifikazzjoni għandha ssir. Għalhekk iċ-Ċirkolari 176/06 tipprovdi mezz kif din l-identifikazzjoni tista' ssir.

Il-Kodiċi Kriminali (Kap 9), mill-banda l-oħra, isemmi l-karta ta' l-identita` tal-Pulizija b'mod speċifiku fl-Artiklu 353 (emenda li daħlet fl-2002) li titratta dwar il-limitazzjoni tal-perkwiżizzjoni (search),

*Ħlief f'każijiet urġenti u meta persuna tinqabad in flagrante delicto ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tawtorizza l-perkwiżizzjoni ta' persuna minn Uffiċjal tal-Pulizija tas-sess oppost, jew li l-perkwiżizzjoni tkun magħmula minn uffiċjal tal-Pulizija li ma jkunx liebes l-uniformi jekk dan ma jkunx identifikat b'mod ċar bil-wiri ta' karta ta' l-identità tal-Pulizija.*

Għalhekk, wieħed jinnota li l-Kodiċi Kriminali qed jirrikonoxxi l-fatt li hemm, jew li għandu jkun hemm, dokument (karta ta' l-identita`) li jiddenfika l-individwu bħala membru tal-Korp tal-Pulizija u għalhekk mogħni b'ċerti poteri esekuttivi li individwi oħra m'għandhomx. Il-liġi, iżda, ma jidhirx li tipprovdi l-formalitajiet meħtieġa sabiex jinħareġ dan id-dokument.

Meta wieħed jifli sew l-*ID card* fil-format il-ġdid, jara li d-dokument ikun fih il-kunjom, l-isem u r-rank tal-membru tal-Korp, kif ukoll il-firma tal-Kummissarju tal-Pulizija – fuq in-naħa ta' wara ikun hemm l-indikazzjoni li dan hu dokument maħruġ mid-Dipartiment tal-Pulizija u d-data tal-validita` ta' dan id-dokument.

Għalhekk, hemm dikjarazzjoni ta' fatt mill-Kummissarju tal-Pulizija li l-individwu partikolari msemmi fuq dan id-dokument huwa membru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Din id-dikjarazzjoni mill-Kummissarju hi maħsuba biex toħloq sens ta' fiduċja fil-pubbliku li dak l-individwu li qed juri dak id-dokument (*l-ID card* tal-Pulizija) hu fil-fatt membru tal-Korp tal-Pulizija.

Hawn ta' minn jirreferi għal dak li hemm maħsub fil-Kodiċi Ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jittratta "Fuq il-Prova b'dokumenti" fl-Artiklu 627 jipprovdi li:-

*Id-dokumenti msemmijin hawn taħt huma ammissibbli bi prova bla ma tkun meħtieġa*

*ebda prova oħra ta' l-awtentiċità tagħhom, ħlief dik li tidher minnhom innifishom, u jippruvaw dak li jkun fihom, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju:*
*(a) l-atti tal-Gvern ta' Malta, iffirmati mill-Ministru jew mill-kap tad-dipartiment li minnu jkunu ħarġu, jew, fl-assenza ta' dan, mid-deputat, assistent jew uffiċjal ieħor li jiġi warajh fil-grad, awtorizzat li jiffirma dawk l-atti;...*

Għalhekk id-dokument ta' l-*ID card* tal-Pulizija fil-forma tiegħu hu dokument awtentiku u hu prova fih innifsu li d-detentur tiegħu huwa membru tal-Korp tal-Pulizija fir-rank indikat.

Allura, jekk wieħed jiffalsifika *ID card* tal-Pulizija xi jkun qed jiffalsifika, dokument pubbliku jew dokument privat? Ir-risposta m'hix daqshekk ċara kemm wieħed jaħseb. Persuna (li ma tkunx uffiċjal pubbliku) li tiffalsifika *l-ID card* tal-Pulizija tista' tkun ħatja ta' reat taħt l-Artiklu 183 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li: *Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem,.....* meta tinstab ħatja, tista' teħel piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin.

Rajna iżjed 'il fuq li l-*ID card* tal-Pulizija hi att/dokument awtentiku. Pero` tista' tinħoloq problema dwar jekk l-*ID card* tal-Pulizija hix 'att pubbliku' jew le. Definizzjoni ta' x'inhu 'att pubbliku' nsibuha fl-Artikolu 1232 (2) tal-Kodiċi Civili (Kap 16) li jispeċifika li: *L-att pubbliku hu dak li jiġi magħmul jew riċevut, bil-formalitajiet meħtieġa, minn nutar jew minn uffiċjal pubbliku ieħor li jkollu s-setgħa skond il-liġi li jagħti fidi pubblika lill-att.*

Fl-opinjoni tiegħi ma joħroġx daqshekk ċar mill-liġi il-poter lill-Kummissarju tal-Pulizija li joħroġ dawn l-*ID cards* għall-Pulizija. Għalhekk ma nistgħux ngħidu li l-*ID card* ġiet magħmula jew milqugħa bil-formalitajiet meħtieġa minn uffiċjal pubbliku li għandu s-setgħa skond il-liġi li jagħti fidi pubblika lil dan l-att (l-*ID card*). Għaldaqstant, ma nemminx li l-*ID card* tal-Pulizija hi att pubbliku, u għalhekk wieħed mill-elementi essenzjali tar-reat maħsub taħt l-Artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali, huwa nieqes.

Għalhekk hawn wieħed jista' jissuġġerixxi li tidħol emenda fil-liġi, preferibbilment fl-Att dwar il-Pulizija (Kap 164), li espressament tagħti s-setgħa lill-Kummissarju tal-Pulizija li jkun jista' joħroġ dawn l- *ID cards* għall-Pulizija.

Dan ma jfissirx li jekk wieħed jiffalsifika l-*ID card* tal-Pulizija m'hemmx reat. Jekk issir falsifikazzjoni ta' l-*ID card* tal-Pulizija jista' jkun hemm reati oħra bħal, per eżempju, taħt l-Artikli 188 jew 189 tal-Kodiċi Kriminali – iżda dawn ir-reati huma ta' gravita` ferm anqas.

Personalment inħoss li dan id-dokument ta' identifikazzjoni għall-Pulizija għandu jingħata protezzjoni akbar u aħjar taħt il-liġi u l-istatus tiegħu għandu jkun dak ta' att awtentiku u pubbliku skond il-liġi għaliex fl-aħħar mill-aħħar dan hu dokument li jserraħ ras il-pubbliku li l-persuna li għandu quddiemu hi persuna fdata mill-iStat biex tħares u tgħin liċ-ċittadini kollha – u għalhekk persuna ta' fiduċja.

*Inselli għalikom*




## Enjoy Lunch & Dinner at the Camilla Restaurant




*We look forward to seeing you at the*

PARK HOTEL ★★★★

Graham Street, Sliema SLM08, Malta
Phone: +356 21343 780 / 6 - Fax: +356 21343 315
info@parkhotel.com.mt - www.parkhotel.com.mt

## Piscopo Gardens Burmarrad

For garden design, plants, shrubs, pots, pet food, etc

Burmarrad Road, Burmarrad
Tel: 21 583755 Mob: 9949 2928
Fax: 21 584340
E-mail: piscopog@maltanet.net

## "...when safety and security are not buzzwords..."



**Fire Tech Ltd.** is a fire safety, security protection and prevention company offering a wide range of solutions including fire detection systems, emergency lighting, gaseous extinguishing systems, sprinkler systems, foam deluge systems, wet & dry riser systems, CCTV systems, access control, intruder alarms and fire doors.

FIRE TECH LIMITED

UBT 16, Industrial Estate, San Gwann SGN 09, Tel: 21 447 718. Email: info@firetech.com.mt
**www.firetech.com.mt**

# L-esperjenza sabiħa li kelli din l-aħħar sena

Ftit taż-żmien ilu staqsejt lill-Kummissarju jekk nistax niġbed xi ritratti tal-Korp tal-Pulizija biex inkun nista' nagħmel eżami fil-fotografija. Wara xi ftit taħdidiet aċċetta u ma tantx domt biex bdejt niġbed dawn ir-ritratti. Fost ir-ritratti miġbuda kien hemm ta' l-SAG, Skwaddra Mobbli, ALE, it-Taqsimiet tal-Klieb u dik tal-Kavallerija fost oħrajn. B'kollox ġbidt xi 1,800 ritratt li minnhom ridt nagħzel 20 biss sabiex inkun nista' nagħmel dan l-eżami.

Dan l-eżami huwa l-għola wieħed tax-xorta tiegħu. Huwa l-għola grad li fotografu jista' jilħaq. Wara li jiena nižžielt l-għazla tiegħi għal madwar 40 ritratt, bdejt naħdem fuqhom bil-komputer u bdejt nirrealizza li kien hemm potenzjal qawwi ħafna fejn l-impatt tagħhom ser ikun wieħed qawwi. Din kienet l-ewwel darba fil-fotografija li xi fotografu għamel eżami u daħħal is-suġġett tiegħu bħala l-Pulizija għax normalment dawn jidħlu billi jesebixxu ritratti ta' tiġijiet u mudelli jew xi *landscapes* fost l-oħrajn.

Wara li lestejt dawk l-40 ritratt jien kelli għażla diffiċli biex nerġa' nnaqqas 20 oħra għax fl-eżami 20 ritratt biss tista' ddaħħal. Biex ma ntawwalx, l-għażla saret u saret bil-għaqal ħafna, fejn imbgħad jien komplejt nirfina fuq dawk l-20 ritratt biss.

Nixtieq nirringrazzja lil sħabi li għinuni nagħmel l-għażla finali għax bl-għajnuna tagħhom stajt nagħżel ir-ritratti aħjar. Dawn ir-ritratti jien għamilthom kollha *Black and White* għax rajt li kienu aktar drammatiċi.

Waslet il-ġurnata tal-eżami u fosthom kien hemm tlett ġurati internazzjonali u tnejn Maltin. Il-ġurati damu madwar għoxrin minuta jaraw ir-ritratti tiegħi u nista' ngħidilkom li naħseb li dawk kienu l-agħar għoxrin minuta ta' ħajti, fejn



Ir-Ritratt Rebbieħ








anqas tkun taf x'inhu jiġri għax il-ġurati ma jistgħux jitkellmu bejniehom biex ma jinfluenzawx lil xulxin u jekk taqgħa labra ma' l-art ukoll tismagħha. Il-ġurati jaraw ir-ritratti bir-reqqa kollha fosthom jidħlu sa xi 15-il ċentimetru bogħod minn kull ritratt biex jaraw sew jekk hemmx xi difetti. Anke d-dawl li bihom jaraw ir-ritratti irid ikun wieħed differenti għax irid ikun apposta. Waqt li kienu qed jiġġaġjaw kien hemm udjenza ta' madwar 40 fotografu ieħor bejn Maltin u barranin allura t-tensjoni tkun akbar, għax dan l-eżami sar waqt seminar internazzjonali li l-MIPP kienet qed torganizza bħala parti mill-10 anniversarju mit-twaqqif tagħha.

Wara għoxrin minuta ħareġ il-verdett. Il-ħames ġurati qablu li jien kont għaddejt minn dan l-eżami u hemmhekk jien ħadt nifs kbir għax kif għidt aktar kmieni dan huwa pass kbir importanti fil-qasam tal-fotografija kemm għalija u kemm



għal pajjiżi. Jien issa sirt il-ħames fotografu Malti li għandi din l-għola kwalifika. Permezz ta' dan l-eżami u peress li jien membru tal-Malta Institute of Professional Photography u jiena wkoll membru tal-SWPP ta' l-Ingilterra stajt nerġa' ntella dawn ir-ritratti biex nġib il-kwalifika ta' l-Ingilterra. U hekk ġara għal darb oħra. Meta smajt il-kummenti tal-ġurati wara l-eżami jien rajt x'potenzjal għandi u għalhekk ħadt ritratt wieħed minnhom u daħħaltu għal kompetizzjoni mondjali li ssir kull sena minn madwar 53 pajjiz differenti fid-dinja kollha. Jien irnexxili nirbaħ għal darb oħra. Irbaħt il-kategorija li daħħaltu fiha dik tal-*Press & PR* u peress li kien l-aktar ritratt li ġab marki għoljin matul is-sena jiena rbaħt ukoll. L-akbar unur dak tal-fotografu tas-sena 2006. Jiena sodisfatt ħafna b'dawn ir-riżultati li wkoll diġa' bdew iħallu l-frott tagħhom għax l-għada li jiena wasalt Malta lura mill-Ingilterra jiena rċevejt *email* fejn ġejt mistieden nagħmel *lecture* barra minn Malta waqt *Photo Training Overseas* li ser isir ġewwa Canary Islands.



Jien għal darb'oħra nixtieq nirringrazzja minn qalbi lil kull min għini u tagħni s-support tiegħu, lil mara tiegħi Joanne tal-paċenzja li ħadet sakemm jiena kont qed naħdem fuq dawn ir-ritratti u l-aħħar u mhux l-inqas lil Kummissarju s-Sur John Rizzo għax li kieku ma kienx hu jien ma stajtx nagħmel dan l-eżami u ma stajtx nirbaħ dawn l-unuri kollha.

*Grazzi minn qalbi lil kulħadd*
Stephen Busuttil FMIPP, FBPPA, ASWPP, LMPA, LRPS
International Overall Photographer of the Year 2006






# Ir-reat tat-telefonati anonimi

Dr Jason Grima B.A. LL.D.
Surġent (1454), Uffiċju Legali

Kulħadd jaqbel li t-teknologija fil-qasam tat-telekomunikazzjoni llum il-ġurnata għamlet avvanz kbir. Tant hu kbir dan l-avvanz li l-komunikazzjoni bejn persuna u oħra saret verament faċli indipendentement jekk dawn il-persuni ikunux jinsabu fil-viċinanzi jew kilometri 'l bogħod minn xulxin. Fil-fatt, kemm it-telefon fiss kif ukoll it-telefon mobbli (jew kif imsejjaħ fil-ħajja ta' kuljum il-'mobile') ġew meqjusa bħala apparat essenzjali fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minnha. Mingħajrhom wieħed iħossu maqtugħ mis-soċjeta' speċjalment jekk il-ħajja tkun ġiet diġa issemplifikata bl-użu tagħhom. Sfortunatament, iżda, dawn is-servizzi mhux dejjem jintuzaw għal skopijiet leċiti u huwa dan l-argument li rrid inqajjem f'dan l-artikolu.

Telefonata jew *sms* meta tkun saret minn fuq *mobile* jew meta t-telefonata tkun saret min fuq telefon, tikkonstitwixxi reat biss meta ikun hemm ksur tal-liġi. L-Att biex Jirregola Komunikazzjoniet Elettroniċi (Kapitolu 399) tal-Liġijiet ta' Malta, kif l-isem stess ta' dan l-Att jimplika, huwa l-Att prinċipali li jirregola l-komunikazzjoni b'appart elettroniku bejn persuna u oħra. Fi kliem ieħor dan l-Att jirregola l-użu tat-telefon u tal-*mobile* minn abbonat jew minn utent.

Dan l-Att jispeċifika fl-artikolu 35(1)(d) li l-użu ta' aparat elettroniċi fornut minn impriża għal għan li ma jkunx dak li jkun ġie fornut għalih, jew l-użu ta' dan l-appart b'mod mhux kif imiss jew mhux skond ir-regolamenti ta' l-awtortita jikkostitwixxi reat kriminali. Taħt il-parametri ta' din il-liġi wieħed irid jeżamina d-diversi rapporti li jsiru fl-għases tal-Pulizija. L-iktar komuni nsibu meta individwu jirraporta li :-

1. xi ħadd qiegħed iddejqu billi jogħqod iċċempillu anke waqt il-lejl u minflok ikelmu jogħqod jagħmel ħsejjes;
2. persuna toqgħod iċċempel kontinwament u taqta' l-linja mingħajr biss titkellem;
3. rċieva telefonati jew *sms* ta' theddid;
4. rċerva telefonati jew *sms* ta' natura sesswali li dejquh
5. rċerva telefonati jew *sms* ta' natura malafamanti.

Bla dubju ta' xejn, l-eżempji miġjuba kollha jiksru l-artikolu 35(1)(d) hawn fuq deskritt mingħajr prejudizju għal xi liġi oħra kriminali. Għalhekk, il-Kuntistabbli jew is-Surġent li jkun qiegħed jieħu rapport mingħand il-vittma irrid jistabblixxi li hemm dan il-ksur. Għal dan il-għan min qiegħed jieħu r-rapport irid jikseb l-informazzjoni kollha possibli mingħand il-vittma biex jistabilixxi jekk ir-rapport hux wieħed li jimmerita investigazzjoni jew inkella huwa wieħed frivolu u vessatorju. Din l-attenzjoni trid tingħata iktar importanza minħabba l-permess li wara li jssir rapport ta' dan il-ġeneru, il-Pulizija trid tinvestiga u ħafna drabi l-investigatur ikun kostrett li jitlob data mingħand l-impriża li tipprovdi is-servizz biex jiskopri l-identita' ta' l-awtur tat-telefonata. L-investigazzjoni ta' dawn it-tipi ta' rapporti tieħu għal din ir-raġuni xejra aktar serja u f'istess ħin delikata fis-sens li liġijiet oħra li jirregolaw il-protezzjoni u l-privatezza tad-data jridu jiġu osservati. Il-punti li ġejjin jistgħaw ikunu ta' għajnuna.

Mingħajr il-biża li nintilef fid-dettal, l-investigatur irid qabel jitlob xi tip ta' informazzjoni mingħand xi impriża, ikun ċert li l-ewwelnett hemm bażi legali fuq x'hiex jibbaża t-talba tiegħu. Għalhekk irid ikun ċert li hemm ksur ta' xi liġi kriminali fuq x'hiex jibbaża l-investigazjoni tiegħu. Jekk l-investigazzjoni tiegħu twassal għall-punt fejn data speċifika mingħand l-impriża tkun neċessarja, din l-informazzjoni trid tintalab bil-miktub u trid tintalab biss dik l-informazzjoni neċessarja u rilevanti għall-każ.

M'hemmx għalfejn ngħidu li meta hemm reat kriminali u meta jkun hemm il-bżonn, l-artikolu 355AD(4) tal-Kodiċi Kriminali jagħti l-poter lill-Pulizija biex titlob informazzjoni mingħand l-impriza li tipprovdi s-servizz. Dan jimplika li min qiegħed jieħu r-rapport m'għandux għalfejn jibgħat lill-abbonat għand l-impriża li tipprovdi s-servizz biex jirrapporta l-każ. Dejjem wieħed irid joqgħqod attent biex ma jabbużax mill-poteri lilu mogħtija taħt dan l-artikolu, iżda jkun prudenti u jitlob biss dik l-informazzjoni neċessarja mingħand l-impriża.

Fil-maġġoranza tal-każijiet din l-informazzjoni tintalab mill-uffiċċju tal-Prosecutions Unit minħabba s-sensibilita' tar-rikjesta. Iżda ta' min jiċċara l-fatt li l-uffiċjali tal-Prosecutions Unit jitolbu l-informazzjoni mingħand l-impriża wara li jkunu bbażaw ir-rikjesta fuq ir-rapport tas-Surġent jew Kuntistabbli ta' l-għassa. F'dan il-kuntest huwa ta' importanza kbira li l-Pulizija li jkun qiegħed jieħu r-rapport jaċċerta ruħu l-ewwelnett li l-vittma tkun ġiet offiża tramite t-telefon jew *mobile* personali tagħha. Hija l-eċċezjoni u mhux ir-regola li tintalab informazzjoni fuq telefon jew *mobile* li ma jkunx tal-persuna li tkun għamlet ir-rapport. Eżempju prattiku ta' din l-eċċezjoni hija s-sitwazzjoni meta il-persuna tkun minorenni u r-rapport issir mill-ġenituri tagħha jew tutur skond il-każ.

Il-Pulizija li tieħu r-rapport trid ukoll tikseb mingħand il-vittma dik l-informazzjoni neċessarja biex tista' tiġi fformulata t-talba għall-impriża li tipprovdi s-servizz meta n-neċċessita' ta' din it-talba tkun bżonnjuża għall-investigazzjoni.

F'dan il-kuntest, wieħed irid ukoll jagħmel distinzjoni bejn il-każijiet meta l-awtur tat-telefonata jkun magħruf mill-vittma, meta l-identita' tiegħu

tkun faċilment identifikabbli miċ-ċirkustanzi tal-każ u meta l-awtur tat-telefonata ma jkunx magħruf. Fl-ewwel żewġ ċirkustanzi, it-telefonata ma tkunx anonima u nonostante li tista' tikostitwixxi ksur ta' reat, il-Pulizija ma għandiex għalfejn titlob informazzjoni lill-impriża, sakemm f'każijiet estremi l-Pulizija ma tkunx trid prova li verament it-telefonata tkun saret jew le. Għal din ir-raġuni meta l-vittma tipprovdi lill-Pulizija n-numru tat-telefon jew tal-*mobile* li qiegħed iċċempilha u jdejjaqha, l-Pulizija kkonċernat għandu jipprova jisstabbilixxi minn l-identita' ta' din il-persuna qabel ma tintalab xi informazzjoni minn għand l-impriża li tipprovdi is-servizz.

Il-persuna li tkun qiegħda tieħu r-rapport trid issaqsi lill-vittma l-isem tal-impriża mingħand minn qiegħda tikri s-servizz. Dan minħabba l-fatt li bħalma ntqal fl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu il-kamp tat-telekomunikazzjoni huwa fenonminu dejjem suġġett għall-avvanz u llum il-ġurnata, persuna ma tistax tivverrifika mingħand minn wieħed qiegħed jikri is-servizz sempliċiment b'ħarsa lejn in-numru tat-telefon jew mobile. Bi kliem aktar faċli, illum il-ġurnata numru tal-*mobile* li jkun jibda bin-numri 79 ma jffissirx li l-impriża li qiegħda tikri is-servizz hija il-*Go Mobile* peress li jista' jkun servizz mogħti mill-*Vodafone*.

Ta' min jiġbed ukoll l-attenzjoni li reati ta' dan it-tip huma ta' natura *ex officio* u l-Pulizija, ġaladarba fil-fehma tagħha jkollha l-provi neċessarji biex tipprova l-każ, trid tressaq lil imputat il-Qorti anke fin-nuqqas ta' kwerela. Din is-sitwazzjoni timplika li l-prosekuzzjoni titmexxa mill-Pulizija u l-vittma ma tistax titlob biex twaqqaf il-proċeduri ġaladarba r-rapport ġie a konjizjoni tagħha. Dan il-punt legali jrid, fil-fehma ta' l-awtur jiġi spjegat lil min qiegħed jagħmel ir-rapport.

Punt ieħor importanti hija l-preskrizzjoni ta' dan ir-reat. Biex nistabillixxu il-preskrizzjoni ta' reati ikkontemplati taħt l-artikolu 35(1)(d), wieħed irid jagħmel referenza għal Kodiċi Kriminali peress li L-Att biex Jirregola Komunikazzjoniet Elettroniċi huwa siket fuq dan ir-rigward. Mill-banda l-oħra l-Artikolu 688 tal-Kodiċi Kriminal jistabilixxi perjodu ta' sentejn għal reati li l-piena tagħhom hija waħda ta' multa kif fil-fatt hija l-piena ta' reati taħt l-artikolu 35(1)(d).






PC 1155 C. Mangion
C.M.R.U.

# Mal-Medda taż-żmien (it-tieni parti)

Kien waqt riċeviment tal-Milied li ltqajna ma' numru ta' eks-Pulizija li għal żmien twil kienu taw servizz liċ-ċittadini Maltin, b'mod partikolari fi żminijiet li ma jixbhu xejn lil dawk tal-llum.



Wieħed minn dawn kienu l-eks Kuntistabbli 486, Carmelo Axisa mill-Belt. Illum Axisa għandhu 79 sena u hu pensjonant.

Carmelo daħal fil-Korp tal-Pulizija f'Ġunju ta' l-1945. Kellu biss 17-il sena u ftit xhur. Dak iż-żmien ma kontx tidħol l-Akkademja u toħroġ Kuntistabbli bħal llum, iżda kont tagħmel kors ta' xahar fil-Kwartieri Ġenerali. Tul dan il-kors, li dak iż-żmien kien isir fil-Kwartieri Ġenerali f'Birkirkara, ir-rekluti, jew kif kienu magħrufa aħjar ir-riservisti kienu jorqdu hemmhekk stess u jirritornaw id-dar biss is-Sibt wara nofs in-nhar. Kienu jiġu mgħallma d-drill, l-liġijiet u suġġetti oħra, minn numru ta' Supretendenti u *instructors* Ingliżi. Fi tmiem dan il-kors kienu joqgħodu għal eżami li kien jinkludi l-*First Aid* kif ukoll il-*Life Saving*. Wara dan kienet issir *Pass Out Parade* bil-parteċipazjoni tal-Banda militari pero' xorta kienu jibqgħu jissejħu riservisti - kien hemm minn dam hekk għal-seba' snin. Tul il-kors Carmelo kellu n-numru 715 iżda meta wieħed kien isir tal-post in-numru kien jinbidel. Axisa dam tlett snin bħala riservista u kien fl-1947 li sar Kuntistabbli tal-post u ngħata n-numru 486.

Wara li temm il-kors, Carmelo kien stazzjonat fl-Għassa taż-Żejtun fejn dam madwar sena u nofs. Tul dan iż-żmien kien jagħmel għassa l-Gudja, Ħal-Għaxaq, B'Buġia u Marsaxlokk. B'nota nostalġika qallilna li dak iż-żmien *ix-shift* ma kienx bħal-llum. Kienu jaħdmu *shifts* ta' 12-il siegħa u l-kumplament tal-ġurnata jkunu fuq *reserve duty* u jorqdu fl-għassa stess. Kienu jmorru d-dar darba kull tmint ijiem meta ma kien jinqala xejn. Il-ħajja fl-Għassa kienet ta' tbatija kbira għal kuntistabbli Axisa. Kien joqgħod il-Belt u kien imur iż-Żejtun bil-karozza tal-linja. Transport fl-Għassa ma kienx jezisti għajr għal-rota li permezz tagħha riedu jsiru is-servizzi kollha li jirrikjedi l-Korp. Kont dejjem niġri bil-kutri f'idi - illum għassa ż-Żejtun u l-għada għassa l-B'Buġia. Wara li tkun għamilt 12-il siegħa xogħol kont tibqa l-Għassa - tqum u torqod hemm.

Wara sena u nofs, Axisa talab li jkun transferit għal-Raħal Ġdid fejn dam 6 xhur biss. Wara dawn is-sitt xhur, għalkemm mhux fuq talba tiegħu, kien trasferit fit-Taqsima tat-Traffiku fejn dam sakemm irtira wara 30 sena servizz.

It-trasferiment għat-Taqsima tat-Traffiku ġiet bħal sajjetta fil-bnazzi minħabba li l-Kuntistabbli Axisa ma kienx talab għal transferimenti. Dak iż-żmien trasferiment għat-Taqsima tat-Traffiku kien meqjus bħala pass 'ilquddiem fil-karriera ta' Kuntistabbli. Il-ħajja fit-Taqsima tat-Traffiku kienet kemmxejn differenti minn dak tal-llum. Lis-Surġent kienu jsejħulu ċ-*Chief*. "Kont nagħmel ħafna *special duties*". Dawn l-ispecial duties kienu jikkonsistu f'xogħol pajżan dwar informazzjoni li l-Korp kien jirċievi fuq vetturi partikolari. Madanakollu avolja ġieli għamel 9 xhur sħaħ fuq l-hekk imsemmi *special duty*, xorta kien idaħal l-okkorrenzi u r-rapporti mitluba mis-superjuri tiegħu. F'din it-taqsima Axisa dejjem kien kuntent. It-tentazzjonijiet qatt ma naqsu iżda Axisa qatt ma ċeda. Meta darba rappreżentant ta' kumpanija bagħtlu *hamper* id-dar, Carmelo kien pront u rritornah lura għax dak biex iġibli inkwiet mhux ferħ kien. Is-sitwazzjoni tat-traffiku fil-gżejjer Maltin saret waħda ikkumplikata. L-imġieba ta' diversi xufiera saret waħda nervuża wisq u tul il-vjaġġi tiegħu fuq il-karozzi tal-linja Carmelo jinnota u jinkwieta.

Axisa serva taħt tmien Kummissarji differenti. Beda taħt il-Kummissarju Axisa, il-Kummissarju Ullo, il-Kummissarju Grech, il-Kummissarju Cachia, iż-żewġ Kummissarji Benċini, il-Kummissarju De Gray u l-Kummissarju Tonna. Tul l-intervista Carmelo semma' kemm-il darba id-dixxiplina kbira li kien jemmen fiha l-Kummissarju De Gray kif ukoll il-qalb ġeneruza tal-Kummissarju Effie Benċini - "Konna nkunu għassa mal-murtali u kien jiġi bil-vettura tiegħu u jġibilna l-luminata u l-minerali". Bħala xogħol fil-pajjiż, dak iż-żmien il-membri tal-Korp tal-Pulizija kif ukoll l-għalliema kienu stmati b'rispett partikolari. Dan jista' jkun allokat għas-sens akbar ta' dixxiplina li kien jeżisti fiċ-ċittadin in ġenerali. Is-sentenzi tal-Qrati f'dak iż-żmien kienu jiproteġu u jżidu l-moral tal-Pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom. Is-sentenza sospiża kienet xi ħaġa li għalkemm kienu jirreferu għaliha bħala l-Articolo 23, ma tantx kienet tkun applikata mill-Qrati. Bħal kull ħaġa ħajja, il-Korp tal-Pulizija dejjem tjieb u mmodernizza tul is-snin li Carmelo għamel fil-Korp. B'sodisfazzjoni hu innota li wara li hu irtira il-Korp baqa' dejjem jevolvi, jikber u jimmatura għall-aħjar taċ-ċittadin kif ukoll għall-aħjar ta' l-istess membri tal-Korp.

L-aktar esperjenza li baqat friska f'moħħ Carmelo Axisa hi meta jum fost l-oħrjan, fil-15 ta' Awissu 1945 kien għassa f'Ħal-Għaxaq. Permezz ta' telefonata mill-*orderly* fl-Għassa taż-Żejtun, kien ordnat joħroġ u jdoqq is-sirena ta' l-Għassa fil-pjazza ta' Ħal Għaxaq biex jinforma lin-nies tar-raħal li l-Gwerra kienet intemmet. L-atmosfera ta' ferħ li nibtet f'dik il-pjazza baqet f'qalb Axisa sal-llum. "Minn emminni u min le. Kulħadd jitannaq, jifraħ u jiżfnu fil-pjazza. Xgħalna lil Madonna li hemm fil-pjazza - kienet ilha ma tinxtal erba' snin. Kulħadd beka u ferah. Issa dan ilu 62 sena".



Għalkemm illum il-ġurnata Axisa huwa pensjonant, xorta f'demmu għadu Pulizija. Meta jara kontravenzjoni, b'mod partikolari fejn jidħol it-traffiku jkun jixtieq għandhu membru fil-Korp. Bl-inkwiet kollu u bit-tbatija kollha li għadda minna, jekk xi ħadd itih ċans jerġa' jibda mill-bidu, Carmelo jerġa jidħol fil-Korp - "Għax Pulizija kont u għadni nħobbha". Hu awgura lil Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll lil membri kollha fi ħdan il-Korp biex jagħmlu dak kollu possibli biex l-isem tal-Korp jibqa' onorat tul is-snin.

# Estinzjoni ta' l-Azzjoni Penali



Dr Vincent Micallef B.A., LL.D.
Surġent 1124, Uffiċju Legali

Għal ħafna, meta jikkontemplaw fuq kif azzjoni kriminali tiġi estinta, mill-ewwel tiġi f'moħħ dak li jkun illi azzjoni kriminali tiġi estinta bil-preskrizzjoni, *ossia* bin-nuqqas li tinġieb dik l-azzjoni kriminali in kwistjoni fit-terminu stabbilit mill-liġi. Madankollu ta' min wieħed ifakkar illi l-preskrizzjoni hija biss waħda minn dawn il-fatturi illi ġġib fix-xejn, jew 'toqtol' l-azzjoni kriminali. Huwa minnu li l-preskrizzjoni hu wieħed mill-aktar fatturi importanti u imlaħħam fis-sostanza u li wieħed jisma' bih aktar frekwenti quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja. Madankollu, stante illi dan il-kunċett jimmerita studju għalih, bi ħsiebni nitrattah fil-ħarġa li jmiss.

Għaldaqstant, f'din il-ħarġa ser jiġu trattati l-fatturi l-oħra li ugwalment jagħtu lok għal azzjoni kriminali sabiex din tiġi dikjarata estinta. Liema huma dawn il-fatturi?

Fil-liġi hemm erba' ingredjenti li jrendu l-azzjoni kriminali estinta, ċioe' jwaqqfu kawża kriminali milli tibda' jew titkompla. Dawn huma:

1. Il-mewt ta' min jikkommetti r-reat;
2. Il-maħfra tal-parti offiża;
3. Prerogattiva tal-ħniena;
4. Preskrizzjoni.

Tajjeb ta' min jgħid illi xi awturi awterovoli jikkonsidraw ukoll il-ġudikat, res judicata, bħala ingredjent ieħor illi jagħti lok sabiex l-azzjoni tiġi estinta. Oħrajn jargumentaw illi l-ġudikat huwa intrinsikament fattur li jġib fix-xejn l-azzjoni kriminali u allura ma jinkluduhx bħala wieħed mis-segwenti.

### Il-mewt ta' min jikkommetti r-reat

L-azzjoni kriminali hija strettament karatteristika personali. Dan ifisser illi l-azzjoni kriminali, mhiex azzjoni ereditarja bħalma huma kwistjonijiet ċivili. Fil-kamp penali, persuna li qiegħda tiġi imputata jew akkużata ta' reat kommess minnha, ġaladarba dik il-persuna tmut, dak il-proċess jiġi ddikjarat eżawrit u ma tista' qatt tesendi l-id tal-ġustizzja fuq l-eredi leġittimi ta' dak l-imputat jew akkużat. Naturalment, dan mhux il-każ fil-kamp ċivili, fejn persuna interessata f'kawża illi titkompla għandha l-jedd illi tkompli tmexxi azzjoni partikolari billi tintavola rikors quddiem il-Qorti kompetenti u titlob għal trasfuzzjoni ta' ġudizzju.

Kif diġa' spjegajt, din hija impossibli fl-ambitu kriminali għaliex il-mewt tal-persuna imputata jew akkuzata trendi l-applikazzjoni tad-dritt kriminali impossibbli. Allura, bil-preżentata ta' ċertifikat tal-mewt fl-atti tal-kawża, il-proċess kollu jieqaf milli jitkompla qatt iżjed.

### Il-maħfra tal-parti offiża

It-tieni fattur li jrendi azzjoni kriminali estinta huwa proprju l-maħfra tal-parti offiża. Hawnhekk, ta' min jagħmel osservazzjoni fina stante illi 'maħfra' mhux f'kull każ trendi estinta azzjoni kriminali. Jekk ir-reat huwa wieħed prosegwibbli ex officio, kwalunkwe maħfra li tingħata mill-parti offiża jew mill-parti privata, xorta ma trendix l-azzjoni estinta kemm-il darba ir-reat ma jkunx wieħed fejn il-kwerela tal-parti hija indispensabbilment meħtieġa għall-proċediment kriminali nnifsu.

Għall-grazzja ta' l-argument jekk ir-reat li kontra tiegħu qed titmexxa l-azzjoni kriminali huwa s-serq aggravat, nonostante illi d-derubat umilment jaħfer lill-imputat, din il-maħfra ma tikkwalifikax bħala waħda illi trendi estinta l-azzjoni kriminali. Ir-raġuni hija li s-serq, mhux reat illi l-proċediment kriminali tiegħu jirrikjedi indispensabilment il-kwerela tal-parti leża.

In vista ta' dan, allura, il-maħfra trendi azzjoni kriminali estinta diment illi r-reat per se u l-eventwali proċediment għalih huwa wieħed dipendenti sostanzjalment mill-kwerela tal-parti leża, kemm il-darba mhux reat akkumpanjat bi vjolenza domestika jew pubblika jew allaċċat ma' reat ieħor li jaffetwa l-ordni pubbliku. Jekk dawn il-fatturi jkunu preżenti, il-maħfra ma trendix l-azzjoni estinta. Il-maħfra ma tapplikax lanqas f'kull każ fejn għalkemm l-azzjoni kriminali hi vestita f'idejn il-parti privata, din il-parti privata ma tieħux ebda azzjoni u fi żmien erbat ijiem mid-data tar-reat ma tirreġistrax rinunzja espressa mall-Pulizija fejn tgħid illi ma tixtieqx tipproċedi bil-każ. Hawnhekk, il-kwerela mhiex aktar meħtieġa u allura maħfra lill-imputat jew akkużat ma sservix biex trendi l-azzjoni kriminali estinta.

Eżempju ċar ta' meta l-maħfra tal-parti tkun leġittima sabiex trendi azzjoni penali estinta huwa l-istupru vjolenti, jew il-korruzzjoni ta' minorenni jew feriti ħfief fuq il-persuna, diment illi dawn ma jkunux kommessi bi vjolenza domestika, pubblika jew reat li jaffetwa l-ordni pubbliku. F'dawn il-każi, u f'każi oħra simili, ġaladarba l-kwerelant jirtira l-kwerela tiegħu/tagħha fi kwalunkwe żmien anke fi stadju t'appell, l-azzjoni penali tiġi estinta.

### Il-prerogattiva tal-ħniena

Il-prerogattiva tal-ħniena hija fattur ieħor li jrendi azzjoni kriminali estinta. Din il-prerogattiva tingħata mill-President tar-Repubblika ta' Malta.

Għalkemm hawnhekk qegħdin nitrattaw l-azzjoni kriminali, il-prerogattiva mhiex regolata bil-Kodiċi Kriminali. Il-Kodiċi Kriminali sempliċiment jagħmel riferenzi għaliha aktar milli jirregolaha (Eż: Artikli 46, 493 u 636). Din hija regolata b'Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan l-Artklu jsemmi erba' forom ta' prerogattiva.

L-ewwel forma hija dik il-maħfra li tista' tingħata kemm lil min huwa diġa misjub ħati ta' reat u kemm lil min hu sempliċiment konċernat f'reat avolja m'hemm l-ebda dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu. Tista' wkoll tingħata b'xi kondizzjoni (eż: sabiex wieħed jforni evidenza jew jagħti xiehda) jew anke mingħajr ebda kondizzjoni.

It-tieni forma hija dik fejn il-President jagħti lil xi persuna sospensjoni, sew indefinita jew għal perijodu speċifikat, dwar l-esekuzzjoni ta' xi kundanna imposta fuq dik il-persuna għal xi reat. F'dan il-każ, primarjament irid ikun hemm perusna misjuba ħatja ta' reat u l-maħfra ma tikkonsistix f'waħda fejn il-piena ma tiġix esegwita bħal każ ta' qabel iżda tikkonsisti f'sospensjoni fl-esekuzzjoni ta' dik il-kundanna hekk imposta. Eżempju ċar meta din il-prerogattiva tista' tapplika hu meta persuna kkundannata tingħata ċans issegwi programm ta' rijabilitazzjoni dwar l-użu lleċitu tad-droga.

It-tielet forma ta' prerogattiva ta' maħfra tikkomprendi sostituzzjoni fil-forma tal-piena. Fi kliem ieħor, il-President għandu l-poter li jissostitwixxi piena stabbilita għal reat partikolari b'piena anqas ħarxa.

Finalment, ir-raba' forma ta' prerogattiva hija meta l-President jaħfer fl-intier tagħha jew f'parti minnha kull kundanna mogħtija lil xi persuna għal reat jew għal xi penali jew konfiska li xort' oħra tkun dovuta lill-Istat minħabba xi reat. Dan kif wieħed jista' jinnota huwa poter miftuħ ħafna li jagħti l-President ta' Malta l-fakulta' mhux biss jikkanċela piena fl-intier tagħha kwantu kundanna karċerarja, iżda wkoll finanzjarja u saħansitra anke kull konsegwenza ta' piena. Il-konfiska tal-*corpus delicti* per eżempju huwa ezempju ċar ta' konsegwenza ta' piena. Hawnhekk, il-President għandu l-poter li jagħti maħfra għal dik il-konfiska.

Fil-ħarġa li jmiss bi ħsiebni nitratta l-preskrizzjoni li bla dubju huwa l-aktar fenomenu komuni u dibbattibli fil-kamp penali rigwardanti l-prosegwiment ta' l-azzjoni kriminali.





GMF

MANUFACTURES OF PRE-STRESSED CONCRETE
SLABS FOR ALL TYPES OF CONSTRUCTION

235mm for spans up to 10 metres
250mm for spans up to 11 metres
330mm for spans up to 14metres
350mm for spans up to 14metres
370mm for spans up to 14 metres
400mm for spans up to 18metres
425mm for spans up to 18metres
450mm for spans up to 18metres
470mm for spans up to 18metres
500mm for spans up to 18metres
525mm for spans up to 18metres




E-mail: gmf@maltanet.net

GMF PRECAST LTD.

St. Mary Street, Maghtab, Malta. Tel: 2143 4682. Fax: 2143 7419

Mob: 9943 7538

# Apprezzament

John Rizzo
misarju tal-Pulizija
artieri Ġenerali tal-Pulizija
riana
ta' Ottubru 2006

cc. is-Supretendent Ronald Cilia, Għassa Raħal Ġdid
is-Supretendent Lawrence Cutajar, Għassa Ħal Qormi

Sur Kummisarju,

Qiegħed niktiblek biex nuru l-apprezzament tal-Kumitat tas-SVPRG u l-awtorita ta' St Vincent de Paul Residence għall-għajnuna li sibna fl-attivita' ta' l-atletika li organizzajna nhar it-30 ta' Settembru 2006.

Nirringrazzja b'mod speċjali lill-pulizija tal-mobile, lis-Supretendent R.Cilia, Supretendent L.Cutajar, lill-Maġġur G.Borġ, il-Maġġur M.Borġ u l-pulizija Raħal Ġdid u Ħal ..Qormi rispettivament.

Napprezzaw ix-xogħol siwi u dedikat li qed tagħmlu fil-komunita.

Grazzi

Dejjem tiegħek,

Noel Sharples
Segretarju
St Vincent de Paul Running Group

---

Immaculate Conception School
Tarxien – Malta
Tel: 21677306 Fax: 21821337

Mr J. Rizzo
Commissioner of Police
General Headquarters
Floriana

26th April 2006

Dear Mr Rizzo,

**Re: In-School Educational Activity**

On behalf of the students in Senior 1 and Senior 2, and Mrs Isabelle Caruana-Ding Social Studies teacher, I would like to thank you for the "Police Awareness" activi which was held at our school on Wednesday, 26th April 2006.

Wps 93 Carol Fabri ably presented various aspects of the Police Force and gave our students the opportunity to interact by asking questions.

This activity has undoubtedly increased their appreciation of the highly valuable contribution and role of the police in society.

Please pass on our appreciation to the officer invovled.

Yours Sincerely,

Sr. Giovanna Saliba

Sr Giovanna Saliba
Headmistress

---

MINISTERU GHAT-TURIŻMU U KULTURA — MALTA — MINISTRY FOR TOURISM AND CULTURE

16th October 2006

Mr. John Rizzo
Police Commissioner
Malta Police Corps
Headquarters
Floriana

Dear Mr. Rizzo

Now that the Malta Historic Cities Festival is over, I would like to thank you, and the various units of the Malta Police Corps, namely the Officers at the various Police stations at Cospicua, Valletta, Rabat and Hamrun in connection with their duties to maintain a good traffic control wherever the events were being held.

I would also like to extend my thanks to the Cavalry Section who under the direction of Sebastian Psaila participated in the Mdina Re-enactment.

To be praised is also the Malta Police Band, and Officers of the Canine Section who participated in the Malta Military Tattoo.

The Corps' contribution, participation and assistance helped in no small way to ensure that the festival reach the success that it did.

On behalf of the Events Committee I would like to show my appreciation and look forward to future collaborative work.

Yours sincerely

f/Chairman
Events Division
Ministry for Tourism and Culture

---

Lill-kollegi tiegħi 10/01/07

Jiena, is-surgent maggur Lino Bondin, nixtieq nirringrazzja lill-kull min ta s-***support*** tagħhom fit-telfa tal-mama tiegħi Carmen fit-02/01/07. Nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi u tal-familja tiegħi lejn dawk kollha li attendew għall-funeral li sar fit-03/01/07 b'mod partikolari lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur J. Rizzo, lid-Deputat Kummisssarju J. Cachia u l-uffiċjali kollha ta'l-SB.

Grazzi mill-qalb

Lino

---

'Belle Etoile'
19, Triq Sant' Antnin
Rabat. RBT 06
12 ta' April 2006.

Sur Kummissarju nixtiequ nieħdu ftit miż-żmien tiegħek u nixtieq nuru l-apprezzament tagħna għax-xogħol impenjattiv tiegħek. Qegħdin niktbulek din l-ittra biex nirringrazzjaw lill-pulizija tar-Rabat fosthom lil P.S 156 Frans Abela; WPS 41 Anne Marie Micallef, P.C 56 Jean Carl Grech u P.C 319 Emanuel Vella mit-traffic section u lill-pulizija l-oħra li taw sehemhom dak in-nhar. Nixtiequ wkoll nirringrazzjaw lill-membri kollha tas-C.I.D fosthom l-ispettur Portelli.

Sur Kummissarju nhar il-Hadd 12 ta' Marzu għal xit-tlieta neqes kwart (2.45pm) daħlu għandna fl-indirizz ta' hawn fuq żewġt irġiel. Huma daħlu billi skassaw il-bieb ta' l-arra. Dak il-ħin aħna u l-pulizija rċevew telefonata. Dak il-ħin kien hemm il-pulizija li semmejt aktar il-fuq. Dawn bla telf taż-żmien marru fuq il-post. F'dak il-ħin aħna ma konniex hemm. Meta ġew il-pulizija l-ħallelin ħarbu minn fuq il-bjut. P.S Frans Abela u WPS Anne Marie Micallef b'kuraġġ kbir ġrew warajhom waqt li l-oħrajn u l-membri l-oħra u l-membri tat-Traffic Section iċċerkondaw it-Toroq u fl-aħħar id-delinkwenti nqabdu.

Sur Kummissarju mhux aħna biss nixtiequ nuru l-apprezzament tagħna lil dawn il-membri tal-Korp imma l-residenti kollha tat-triq tagħna u tat-toroq l-oħra tal-Viċin għax raw b'liema efiċenza huma ħadmu u l-kuraġġ kbir li wrew.. F'dak il-ħin kien hemm xeni ta biża u tensjoni. Sur Kummissarju aħna nixtiequ li inti wkoll turi l-apprezzament tagħna lejhom

Grazzi

Dejjem Tiegħek
Kristinu u Josephine Attard

---

St. Joseph Junior Lyceum
PAOLA

E-mail: stjoseph.bjl@gov.mt
Address: St.Joseph Bo... Junior Lyceu... Corradino H... Paola PLA 0... Malt...
Tel: 21826280 / 21825225 Fax: 2180925...

The Officer in charge
CMRU
Police General Head Quarters
Floriana

17th November, 2006

Sir,

We would like to thank you and the personnel from the Police Dog Section sent to our school on the 14th of November 2006 as part of Animal Awareness Day activities. We really appreciate your participation as this will help our pupils understand better the work of the police and to appreciate better the connection there is between discipline and love of animals.

Regards,

Mr M. Baldacchino
Head of School.

CARINI STORES LTD.
Importers of Bathroom Suites, Ceramic Tiles, General Building Material
OFFICE & SHOWROOM
435, ST. JOSEPH HIGH ROAD, ST. VENERA HMR18
Tel: 21440202, 21449641 Fax: 21482849
email: carini@maltanet.net



GROHE
WATER TECHNOLOGY
Bathrooms and tiles with a touch of elegance and imagination from renowned designers

Guillaumier
BUSINESS DYNAMICS
Suppliers and Installers of:
Gypsum Partitions
Gypsum Bulkheads
Gypsum Covings & Cornices
Steel Profiles
Modular Ceilings
Stretch Ceilings
Gypsum Ceilings
Gypsum Tools & Equipment
Guillaumier Business Dynamics
206, Cannon House,
Cannon Road, St Venera
Telephone: 21 495731 – Fax: 21487060
Email: info@guillaumier.com
Website: www.guillaumier.com




MCE LIMITED Your Guarantee to Quality Products
MCE House, Triq L-Industrija, Qormi. Tel: 2148 6213, 2144 1275.
Fax: 2148 6184 Email: sales@mcemalta.com www.mcemalta.com
Quality Management System
MSA EN ISO 9001:2000
Reg. No. S008


Bringing traditional, high quality olive oil right to your table!
LA MASIA
PRODUCT OF SPAIN
LA MASIA
EXTRA VIRGIN OLIVE OIL
ACEITE DE OLIVA VIRGEN EXTRA
NET CONT. / CONT. NETO 17 OZ. (500 ml) e
Available in 250ml - 500ml - 750ml bottles
Imported and distributed by Vadala Company Limited
Tel: 2144 9592, 2144 9266 E-mail: sales@vadalacoltd.com


APS Bank Home Loans
Best Rates - 4.75% - 5.25% p.a.*
Savings of a maximum of Lm500 (€1164.69)** in Bank fees
No processing fees
No Bank legal fees
No early repayment fees
Flexible repayment solutions
* Linked to CBM intervention rate
** The equivalent is based on the central parity rate of € 1 =Lm 0.4293
APS bank
ATTARD • FLORIANA • MOSTA • PAOLA • VALLETTA • GOZO
The Bank You Want Us To Be
APS Bank Ltd is licensed by the Malta Financial Services Authority
www.apsbank.com.mt


Est. 1931
LAMB BRAND
for a healthy lifestyle
WWW.CCINI.COM

# Qatt ma għandek taqta' qalbek!

Fid-dinja kulħadd b'xortih! Familja Taljana li għoġobha tiġi Malta għal vaganzi tas-sajf fix-xahar ta' Awissu, kienu mitmuma ħesrem bit-telfa ta' membru tal-familja – il-kelba SMART.

